dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III – Il-Kummissjoni
(2023/2129(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022[1],

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 (COM(2023)0391 – C9-0248/2023)[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2021 (COM(2023)384) u t-tweġibiet dettaljati għat-talbiet speċifiċi magħmula mill-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2022 tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Baġit tal-UE (COM(2023)401),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditi interni mwettqa fl-2022 (COM(2023)323) u d-dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2023)214),

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet[3], u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[4] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

---

[1] ĠU L 45, 24.2.2022.
[2] ĠU C, C/2023/2, 12.10.2023.
[3] ĠU C, C/2023/103, 4.10.2023.
[4] OJ C, C/2023/112, 12.10.2023

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[5], u b'mod partikolari l-Artikoli 69, 260, 261 u 262 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità[6], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hija parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

---

[5] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[6] ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

9. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi
(2023/2129(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, Taqsima III – Il-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-aġenziji eżekuttivi għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-ftehim interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar ir-riżorsi proprji l-ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda,

Prijoritajiet politiċi

1. Ifakkar fl-impenn qawwi tiegħu għall-prinċipji u l-valuri fundamentali minquxa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), inklużi l-ġestjoni finanzjarja tajba kif stabbilit fl-Artikolu 317 tat-TFUE u l-ġlieda kontra l-frodi u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 325 tat-TFUE;

2. Jenfasizza l-importanza tal-baġit tal-Unjoni għall-kisba tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, kif ukoll ir-rwol tiegħu biex jgħin lill-Istati Membri f'ċirkostanzi mhux previsti bħall-pandemija tal-COVID-19, il-kunflitti jew il-kriżijiet internazzjonali u l-konsegwenzi tagħhom; jinnota f'dan ir-rigward ir-rilevanza kontinwa tal-investimenti u l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi, għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u għalhekk għat-titjib tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni;

3. Jisħaq li implimentazzjoni soda u f'waqtha tal-baġit tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod aktar effiċjenti u effettiv il-ħtiġijiet u l-isfidi f'oqsma ta' politika differenti; iwissi li l-implimentazzjoni tal-baġit taħt il-pressjoni taż-żmien tista' twassal għal żieda fl-iżbalji u l-irregolaritajiet;

4. Jisħaq fuq il-kontribut tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) biex tappoġġja lill-Istati Membri ħalli jirkupraw mill-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u joħolqu Unjoni reżiljenti li tista' tindirizza l-isfidi tal-futur; jinnota l-kontribut tal-RRF u RePowerEU biex jindirizzaw l-isfidi relatati mal-enerġija kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw malajr l-azzjonijiet assoċjati f'konformità mal-istadji importanti u l-miri miftiehma;

5. Jenfasizza r-rwol kruċjali li kellu l-baġit tal-Unjoni fl-2022 fl-indirizzar tal-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna biex jiġu żgurati l-ktajjen tal-provvista tal-ikel, jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-enerġija, jingħata appoġġ lill-Istati Membri biex jilqgħu lir-rifuġjati, u tingħata assistenza lill-Ukrajna biex tieħu ħsieb liċ-ċittadini tagħha; jinnota li dan għamel pressjoni fuq il-baġit u li ntużaw il-miżuri ta' flessibbiltà kollha disponibbli; jinnota f'dak ir-rigward il-proposti magħmula mill-Kummissjoni fir-rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) biex il-fondi jiġu orjentati mill-ġdid u jinġabru fondi ġodda, u jistieden lill-Kunsill jimxi malajr 'l quddiem bl-adozzjoni tal-proposti;

6. Ifakkar fl-importanza li titwettaq evalwazzjoni *ex post* tal-programmi finanzjarji maħluqa biex jirrispondu għal kriżi dwar l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tagħhom;

7. Jenfasizza r-rwol tal-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF), tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob li l-kapaċitajiet tal-UPPE u tal-OLAF, kif ukoll il-kooperazzjoni ta' bejniethom, jissaħħu aktar; jitlob regoli komuni kontra l-korruzzjoni applikabbli għall-persunal kollu tal-korpi tal-Unjoni;

8. Jilqa' l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni fl-2022 u fl-2023 fl-ambitu tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u jitlob lill-Kummissjoni tkompli tkun viġilanti u proattiva fil-każijiet attwali u futuri meta n-nuqqas ta' rispett għall-valuri tal-Unjoni u l-Istat tad-Dritt jaffettwa jew jhedded li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

9. Jilqa' l-ftehim milħuq fin-negozjati dwar ir-regoli finanzjarji riveduti tal-Unjoni f'Diċembru 2023; jilqa', b'mod partikolari, it-titjib relatat mat-traċċar tal-fondi tal-Unjoni permezz ta' għodod diġitali li se jsaħħu l-protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni, ir-referenza għall-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u l-valuri tal-Unjoni, l-introduzzjoni tal-prinċipju tal-kundizzjonalità soċjali, kif ukoll l-opportunità li jiġi ssimplifikat l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-applikanti individwali bl-introduzzjoni ta' għotjiet ta' valur baxx ħafna;

10. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-proposti leġiżlattivi kollha li għandhom impatt ekonomiku,

soċjali u ambjentali sinifikanti għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt solidi u bir-reqqa, inkluż l-impatt tagħhom fuq kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, li se jiżguraw li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-Baġit tal-Unjoni tkun ta' suċċess;

11. Huwa mħasseb li l-adozzjoni tard ta' diversi regolamenti settorjali li jirregolaw politiki differenti tal-Unjoni, bħall-Politika ta' Koeżjoni, irriżultat f'dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex għal darba oħra jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ħalli jkomplu jħaffu l-implimentazzjoni tal-politiki fil-prattika, filwaqt li jkomplu jagħmlu enfasi kbira fuq il-konformità mar-regoli, il-kisba tar-riżultati u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza li jiġi evitat li jsiru diżimpenji li min-naħa tagħhom inaqqsu l-impatt tal-baġit tal-Unjoni;

KAPITOLU I - Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Affidabbiltà tal-kontijiet

12. Jilqa' l-fatt li fir-rapport Annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022[1], il-Qorti ssib li l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2022 huma affidabbli; jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tat opinjoni tajba dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet kull sena mill-2007;

13. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2021, l-obbligazzjonijiet totali ammontaw għal EUR 577,2 biljun, meta mqabbla ma' EUR 445,9 biljun tal-assi totali; jinnota li d-differenza ta' EUR 131,3 biljun kienet tirrappreżenta l-assi netti (negattivi), li jinkludu riżervi u l-parti tal-ispejjeż li l-Unjoni kienet diġà ġarrbet sal-31 ta' Diċembru 2022 u li trid tiġi ffinanzjata minn baġits futuri;

14. Jinnota li fi tmiem l-2022, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba iżda li kienu għadhom ma ġewx iddikjarati minħabba l-benefiċjarji, irreġistrati bħala spejjeż dovuti, kien ta' EUR 148,7 biljun (2021: 129,9 biljun), li minnhom EUR 22,6 biljun huma relatati man-nefqa dovuta tal-RRF;

15. Jinnota li wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni wara l-proċess tal-ħruġ tar-Renju Unit, il-Kummissjoni stmat li, fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-kontijiet tal-Unjoni wrew riċevibbli nett dovut mir-Renju Unit ta' EUR 23,9 biljun (2021: 41,8 biljun), li minnhom huwa stmat li EUR 9,1 biljun se jitħallsu fit-12-il xahar wara d-data tar-rapportar;

16. Jinnota li l-Qorti vvalutat l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni militari mhux provokata u inġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-kontijiet tal-Unjoni; jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li dan l-impatt ġie kkunsidrat u żvelat kif xieraq fil-kontijiet annwali konsolidati;

17. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-Istrument Ewropew għall-Irkupru "Next Generation EU" ("NGEU"), huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati;

Legalità u regolarità tad-dħul u l-infiq tal-Unjoni

18. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li d-dħul huwa ħieles minn żball materjali u li s-sistemi għall-ġestjoni tad-dħul eżaminati mill-Qorti kienu ġeneralment effettivi; jesprimi dispjaċir għall-opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa baġitarja tal-Unjoni maħruġa mill-Qorti għar-raba' sena konsekuttiva;

19. Jinnota li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball għan-nefqa tal-2022 huwa ta' 4,2 % (3 % fl-2021), li huwa ogħla mil-livell limitu ta' materjalità; jinnota l-fiduċja tal-Kummissjoni

[1] ĠU C, C/2023/103, 4.10.2023

li r-riskju fil-waqt tal-pagament huwa stmat għal 1,9 % għall-2022 (simili għal dak tal-2020, l-2021 u l-2022), u huwa rappreżentattiv tal-livell ta' żball fil-waqt tal-pagament; jinnota li l-istima tar-riskju mill-Kummissjoni fil-mument tal-għeluq, wara li jkunu ġew applikati kontrolli u korrezzjonijiet *ex post*, hija ta' 0,9 %; jinnota d-diverġenza bejn ir-rata ta' żball ġenerali tal-Qorti u r-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament, li huwa osservat għan-nefqa baġitarja ġenerali tal-Unjoni fl-2022, għalkemm mhux fl-oqsma kollha tan-nefqa;

20. Jissottolinja li l-istima ġenerali tal-livell ta' żball fil-baġit tal-Unjoni, kif ippreżentata fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti, hija stima tal-flus li ma kellhomx jitħallsu minħabba li ma ntużawx f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli, u mhux miżura ta' frodi jew ta' ineffiċjenza jew ta' skart;

21. Ifakkar li l-approċċ tal-awditjar u l-metodoloġija tal-Qorti huma bbażati fuq standards internazzjonali tal-awditjar li jirrikjedu l-ittestjar ta' kampjun aleatorju u rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet li jirriżultaw fi stima tar-rata ta' żball; ifakkar li l-Qorti tiddistingwi bejn nefqa b'riskju baxx, jiġifieri l-pagamenti bbażati fuq l-intitolament skont regoli simplifikati, u nefqa b'riskju għoli, jiġifieri l-pagamenti bbażati fuq ir-rimborż soġġetti għal regoli kumplessi; jinnota li għan-nefqa tal-2022, il-Qorti għażlet 66 % tal-popolazzjoni tal-awditjar tagħha min-nefqa b'riskju għoli (63,2 % fl-2021), li tammonta għal EUR 110,1 biljun, u 34 % min-nefqa b'riskju baxx, li tammonta għal EUR 56,7 biljun; jinnota li r-rata ta' żball stmata tal-Qorti għall-2022 (4,2 %) hija prinċipalment xprunata mill-"Koeżjoni, reżiljenza u valuri" (2,5 % tar-rata ta' żball ġenerali), mir-"Riżorsi naturali u l-ambjent (0,8 %), mill-"Viċinat u d-dinja" (0,4 %), u mis-"Suq uniku, innovazzjoni u diġitali" (0,3 %), li lkoll jitqiesu oqsma ta' nfiq b'riskju għoli mill-Qorti; jinnota li r-riskju tal-Kummissjoni fil-waqt tal-pagament għall-2022 huwa ta' 1,9 %;

22. Ifakkar li l-isforzi tal-awditjar tal-Qorti huma ffokati biss fuq is-sena li qed tiġi rieżaminata u ma jistgħux iqisu ċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi u l-fondi tal-Unjoni, kif ukoll il-korrezzjonijiet u l-irkupri wara t-tmiem tas-sena li qed tiġi rieżaminata;

23. Ifakkar li l-programmi ta' nfiq tal-Unjoni huma pluriennali skont id-disinn u s-sistemi ta' kontroll u ċ-ċikli ta' ġestjoni relatati tagħhom ikopru wkoll diversi snin; ifakkar li l-istimi tar-riskju mill-Kummissjoni fil-waqt tal-għeluq għandhom perspettiva pluriennali li tqis il-korrezzjonijiet u l-irkupri matul diversi snin; jinnota li l-approċċ tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq mijiet ta' eluf ta' testijiet kif definiti fl-istrateġiji ta' kontroll, imwettqa matul il-kontroll sostantiv u l-ħidma tal-awditjar li primarjament għandha l-għan li tivverifika l-konformità mar-regoli u r-regolamenti tal-Unjoni, applikabbli għal programmi partikolari, biex fl-aħħar mill-aħħar jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li l-fondi jiġu rkuprati mill-benefiċjarji; jinnota li l-firxa tar-riskju fil-waqt tal-pagament, iddeterminata bħala parti minn dan l-approċċ, tixbah l-parti l-kbira tar-rata ta' żball stmata tal-Qorti u l-Kummissjoni tqis li din hija l-aħjar stima biex tiġi espressa l-iskopertura għall-baġit tal-Unjoni;

24. Iqis li ż-żewġ approċċi jaqdu skopijiet differenti u għandhom il-benefiċċji, l-iżvantaġġi, il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tagħhom, u għandhom jintużaw biex jikkomplementaw lil xulxin filwaqt li wieħed għandu jifhem id-differenzi u l-partikolaritajiet, bħall-kunċetti differenti ta' żball u l-kategorizzazzjoni tar-riskju użata

minn kull istituzzjoni; ifaħħar l-approċċ tal-Kummissjoni għad-daqs kbir tiegħu u l-granularità li tirriżulta biex jiġi identifikat fejn l-isforzi addizzjonali jġibu l-akbar benefiċċju u fejn huwa meħtieġ titjib; iqis li r-rata ta' żball tal-Qorti hija indikatur importanti tal-konformità mal-legalità u r-regolarità tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jilqa' f'dan ir-rigward is-sejbiet, l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti bħala kontribut utli ħafna għat-titjib ulterjuri tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-baġit taħt modi differenti ta' ġestjoni u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;

25. Jinnota li, fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet, is-sejbiet tal-Qorti u tal-Kummissjoni huma allinjati, b'mod partikolari fir-rigward tas-sorsi ewlenin ta' irregolaritajiet fil-"Koeżjoni", u r-riskji akbar għall-miżuri tas-suq u għall-iżvilupp rurali fir-"Riżorsi naturali u l-ambjent"; jinnota li, b'mod speċifiku fil-"Koeżjoni", xi każijiet ta' żbalji ta' eliġibbiltà identifikati u kkwantifikati mill-Qorti ma jippermettux lill-Kummissjoni tikkwalifika l-iżball bħala irregolarità li għandha tiġi kkoreġuta f'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(36) tar-Regolament (UE) Nru 1060/2021 ("ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni" jew CPR)[2] u għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax issegwi proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja, u tali żbalji ma jidħlux fl-istima tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-pagament;

26. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tejbet ir-rapportar tagħha dwar miżuri preventivi u korrettivi biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni minn nefqa illegali u irregolari; jinnota li l-Kummissjoni ċċarat li l-ammont totali rrapportat fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni (AMPR) bħala korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji (EUR 4,95 biljun) jinkludi miżuri preventivi u korrettivi meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri; jinnota li l-Kummissjoni rrapportat EUR 734 miljun f'korrezzjonijiet netti u EUR 195 miljun f'pagamenti mhux dovuti rkuprati mir-riċevituri finali;

27. Jinnota li l-Qorti, fit-twettiq tal-mandat tagħha, ma tinvestigax frodi iżda tqis ir-riskju ta' frodi; jinnota li l-Qorti tgħaddi lill-UPPE suspetti ta' reati kriminali li jaqgħu fil-kompetenzi tagħha u lill-OLAF suspetti ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni identifikati waqt li twettaq l-awditi tagħha; jinnota li, fl-2022, il-Qorti rrapportat 14-il każ ta' frodi suspettata lill-OLAF, u fl-istess ħin irrapportat sitta minn dawn il-każijiet lill-UPPE, li s'issa rriżultaw f'żewġ investigazzjonijiet tal-OLAF u tliet investigazzjonijiet tal-UPPE;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

28. Jilqa' l-fatt li fl-2022, intużaw 98,5 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli (EUR 179,4 biljun minn EUR 182,2 biljun); jinnota li l-approprjazzjonijiet disponibbli kienu ogħla mil-limitu massimu tal-QFP ta' EUR 179,9 biljun minħabba l-użu ta' strumenti speċjali, iġġustifikati minn avvenimenti mhux previsti, filwaqt li ntużat il-flessibbiltà kollha disponibbli fl-ambitu tal-QFP; jinnota li ntużaw 98,1 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR 167,3 biljun minn EUR 170,6 biljun disponibbli); ifaħħar lill-Kummissjoni u lill-awtorità baġitarja għar-rispons baġitarju deċiżiv u flessibbli tagħha għall-isfidi li nħolqu fl-2022;

29. Jinnota li l-impenji pendenti totali laħqu livell rekord ta' EUR 450 biljun fl-2022,

[2]ĠU L 231 30.6.2021, p. 159

ikkawżat kemm minn impenji akbar relatati man-Next Generation EU (bil-Pjanijiet Nazzjonali kollha għall-Irkupru u r-Reżiljenza adottati fl-2022) kif ukoll mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027; jinnota li l-Kummissjoni tistenna li dan l-ammont ikompli jiżdied fl-2023, u tipprevedi tnaqqis mill-2024 sal-2027 meta għandhom jitħallsu l-ammonti impenjati kemm għan-Next Generation EU kif ukoll għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2021-2027;

30. Jinnota t-twissija tal-Qorti li għall-fondi b'ġestjoni kondiviża 2021-2027 fl-ambitu tas-CPR, ir-riskju ta' diżimpenn żdied b'mod sinifikanti minħabba sensiela ta' fatturi, jiġifieri l-bidu bil-mod minħabba l-adozzjoni tard ta' regolamenti speċifiċi għas-settur, il-prijoritizzazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESI) li jifdal u l-finanzjament tan-Next Generation EU, il-fatt li dawk il-fondi għandhom perjodu ta' żmien iqsar għall-pagamenti b'sena meta mqabbla mal-perjodu preċedenti tal-QFP u d-duplikazzjoni mal-pagamenti tan-Next Generation EU sal-2026; jisħaq, għalhekk, ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-2021 għall-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm appoġġ konsultattiv addizzjonali lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex il-korpi kollha responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-fondi jkunu jistgħu jiżguraw ġestjoni finanzjarja tajba;

31. Jinnota li d-dejn tal-Unjoni żdied minn EUR 236,7 biljun fl-2021 għal EUR 344,3 biljun fl-2022. jinnota li mid-dejn kollu, is-sehem tal-appoġġ mhux ripagabbli tan-Next Generation EU biss (EUR 185,6 biljun, 53,9 %) joħloq riskju tar-rata tal-imgħax għall-baġit tal-Unjoni; jinnota li, minħabba r-rati tal-imgħax tas-suq li qed jiżdiedu, l-ispiża tal-finanzjament ġdid tan-Next Generation EU żdiedet minn 0,14 % fit-tieni nofs tal-2021 għal 1,24 % fl-ewwel nofs tal-2022, u żieda oħra għal 2.60 % fit-tieni nofs tal-2022, li rriżultat f'EUR 0,5 biljun ta' pagamenti ta' imgħax għan-Next Generation EU fl-2022, u żieda konsiderevoli ġiet imbassra għall-2023; ifakkar li r-ripagamenti tas-self tan-Next Generation EU għandhom jibdew fl-2028 u jridu jitlestew sal-2058, li se jkunu jirrikjedu biżżejjed riżorsi finanzjarji;

32. Jinnota li minn Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha stabbilita strateġija ġdida għall-ġestjoni tad-dejn, jiġifieri "strateġija ta' finanzjament diversifikata" li tikkonsisti fit-tekniki u l-istrumenti ta' finanzjament użati mill-emittenti sovrani; ifakkar fir-Rapport Speċjali 16/2023 tal-Qorti dwar il-ġestjoni tad-dejn tan-Next Generation EU li kkonkluda li l-Kummissjoni malajr stabbiliet is-sistema tagħha għall-ġestjoni tad-dejn, li tippermetti bidu f'waqtu tal-operazzjonijiet ta' self, li ssodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji kollha li jikkonċernaw il-portafoll tad-dejn u l-ġestjoni tar-riskji;

33. Jinnota li l-iskopertura totali tal-baġit tal-Unjoni minħabba garanziji u obbligazzjonijiet kontinġenti għal self żdiedet għal EUR 248,3 biljun, li minnhom inħolqu EUR 57,8 biljun għal salvagwardja addizzjonali permezz tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni ("CPF"); jinnota li rati tal-imgħax ogħla jirrikjedu wkoll rata ta' proviżjonament ogħla fil-futur;

34. Jinnota li fl-2022 l-iskopertura tal-baġit tal-Unjoni għall-Ukrajna żdiedet għal EUR 15,6-il biljun, bi provvedimenti relatati; jinnota li għall-appoġġ tal-MFA+ lill-Ukrajna b'valur ta' EUR 18-il biljun, miftiehem fi tmiem l-2022 u żborżat matul l-2023, ma kien meħtieġ l-ebda provvediment fis-CPF; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-telf possibbli relatat mal-MFA+ se jkollu jiġi kopert minn baġits futuri tal-Unjoni jew mill-

"marġni ta' manuvra" bejn il-limitu massimu tal-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji;

Rakkomandazzjonijiet

35. Jappoġġja bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 ("Rapport Annwali għas-sena finanzjarja 2022")[3] kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;

36. Jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex:

(i) tkompli d-diskussjonijiet tagħha mal-Qorti sabiex iżżid il-fehim u l-konverġenza tal-mod kif it-tnejn li huma jindirizzaw l-irregolaritajiet;
(ii.) tkompli tissimplifika r-regoli u l-proċeduri mingħajr ma tikkompromett l-kwalità tal-kontrolli;
(iii) iżżid l-isforzi biex ittejjeb it-trasparenza fl-użu tal-fondi, inkluż fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali;
(iv) tkompli tappoġġja l-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tal-Istati Membri;
(v) tirrapporta bħala parti mid-divulgazzjoni tagħha dwar obbligazzjonijiet kontinġenti u x'inhi l-iskopertura annwali tal-baġit tal-Unjoni, li tirriżulta minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi;
(vi) tkompli timmonitorja r-riskju possibbli ta' korruzzjoni u frodi fil-fondi kollha, permezz ta' feedback mill-investigazzjonijiet mill-UPPE u mill-OLAF;

Prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni

37. Jinnota r-riintegrazzjoni tal-ħidma tal-Qorti dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fir-Rapport Annwali tagħha; jinnota b'dispjaċir li l-kontenut tal-kapitolu relatat fih anqas kontenut b'mod konsiderevoli mir-rapport annwali tas-sena ta' qabel dwar il-prestazzjoni; jesprimi dispjaċir b'mod partikolari għall-fatt li r-rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli saret ħafna anqas evidenti fl-istruttura attwali; jinnota li l-ħidma tal-Qorti dwar il-prestazzjoni kif inkluża fir-Rapport Annwali tagħha għall-2022 tinsab primarjament fis-sommarju tas-sejbiet mir-Rapporti Speċjali;

38. Jinnota li l-Qorti tat segwitu għall-implimentazzjoni ta' 213-il rakkomandazzjonijiet li hija għamlet fl-2019, li 179 minnhom ġew indirizzati lill-Kummissjoni; jinnota li erbgħa mill-179 rakkomandazzjoni ma kienx għad wasal iż-żmien biex jiġu implimentati saż-żmien li sar ir-rieżami ta' segwitu u li, mill-175 rakkomandazzjoni li kien fadal, il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ 101 (58 %), 26 fil-biċċa l-kbira tal-aspetti (15 %), 24 f'xi aspetti (13 %), u ma implimentatx 17 (10 %) minnhom kollha, filwaqt li l-Qorti ma setgħetx tikkonkludi f'seba' każijiet (4 %) fejn l-entità awditjata ma kinitx aċċettathom jew kien kmieni wisq biex tivvaluta l-implimentazzjoni;

39. Iqis li l-ħarsa ġenerali tar-rapporti speċjali, li tkopri l-akbar parti tal-kapitolu tlieta tar-rapport Annwali tal-Qorti, tagħti ħarsa ġenerali tajba lejn ir-rapporti ppreżentati mill-

[3] ĠU C, C/2023/103, 4.10.2023

Qorti li huma relatati mal-oqsma strateġiċi tal-2022 iżda hija limitata u mhux kompluta f'termini tal-kontenut ta' dawk ir-rapporti u t-tweġibiet ipprovduti mill-entitajiet awditjati; iqis li analiżi tal-prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni tirrikjedi aktar minn segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditur, minkejja l-valur inkontestabbli tagħhom f'termini ta' kontroll baġitarju; jinnota l-kwistjoni taż-żmien li tikkonċerna l-pubblikazzjoni tal-AMPR;

40. Jinnota li l-Kummissjoni tippubblika d-"Dikjarazzjonijiet tal-Prestazzjoni tal-Programmi", li hija ħarsa ġenerali lejn l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-programmi tal-baġit tal-Unjoni għall-2021-2027, u l-"Prijoritajiet orizzontali", taqsima dwar kif il-Kummissjoni ssegwi u tirrapporta dwar x'jintefaq fuq l-ibbaġitjar ekoloġiku, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-traċċar diġitali u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;

41. Jinnota r-rieżami 06/2023 tal-Qorti dwar l-AMPR tal-2022 tal-Kummissjoni għall-baġit tal-Unjoni u l-konklużjoni tiegħu li l-Volum I tal-AMPR tal-2022 segwa l-gwida strateġika tal-bord ta' ġestjoni korporattiva tal-Kummissjoni meta ppreżenta l-fatti u l-kisbiet dwar il-ġestjoni baġitarja għall-2022, u jinnota li kien hemm lok biex tittejjeb il-kwalità tad-data dwar il-prestazzjoni; jinnota t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet bil-miktub dwar l-awditu tal-IAS rigward il-kwalità tad-data u r-riassigurazzjoni minħabba li l-kwistjoni identifikata qed tiġi ttrattata;

42. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni inkludiet informazzjoni fl-AMPR tagħha dwar l-ibbaġitjar ekoloġiku, it-traċċar diġitali u d-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-għadd ta' programmi li għalihom il-kontribut għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhuwiex magħruf naqas għal 72 %; jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li din iċ-ċifra jeħtieġ li titnaqqas aktar;

Dħul

43. Jinnota li d-dħul tal-baġit tal-Unjoni jinkludi riżorsi proprji, dħul assenjat estern u dħul ieħor; jinnota li fl-2022, ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) kienet tammonta għal EUR 103,9 biljun (42,3 %), id-dħul assenjat estern kien jammonta għal EUR 62,2 biljun (25,4 %), ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) kienu jammontaw għal EUR 25,9 biljun (10,6 %), il-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet marbuta mal-ftehimiet u l-programmi tal-Unjoni kienu jammontaw għal EUR 20,9 biljun (8,5 %), ir-riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) kienet tammonta għal EUR 19,7-il biljun (8,0 %), ir-riżorsi proprji bbażati fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat kienu jammontaw għal EUR 6,3 biljun (2,6 %), u dħul ieħor kien jammonta għal EUR 6,4 biljun (2,6 %);

44. Jinnota r-Rapport Speċjali 25/2022 tal-Qorti dwar il-verifika tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) għall-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni; ifakkar li d-data tal-ING irrapportata mill-Istati Membri hija l-bażi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u jqis għalhekk li huwa essenzjali għall-Kummissjoni li ttejjeb l-effiċjenza fiċ-ċiklu ta' verifika wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti li l-proċess ta' verifika tad-data tal-ING imwettaq mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat) kien effettiv; jilqa' l-fatt li l-Eurostat ħejja pjan ta' azzjoni biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet bil-għan li jimplimentahom wara ċ-ċiklu tal-2020-

2024;

45. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha għall-2022 li l-livell ta' żball fit-tranżazzjonijiet tad-dħul ma kienx materjali u li s-sistemi għall-ġestjoni tad-dħul huma ġeneralment effettivi; huwa mħasseb bin-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti rigward il-kontabbiltà u l-ġestjoni tal-RPT minn ċerti Stati Membri, u bl-azzjoni tal-Unjoni meħuda biex jitnaqqas id-distakk doganali u jiġi żgurat li l-RPT ikunu kompluti; jilqa' l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'dak ir-rigward;

46. Jinnota mir-Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni (ir-Rapport PIF) li fl-2022, l-għadd ta' irregolaritajiet frawdolenti relatati mar-RPT (454) naqas b'6,8 % u l-irregolaritajiet mhux frawdolenti (4 207) żdiedu b'9,4 % meta mqabbla mal-medja ta' ħames snin għall-2018-2022; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-każijiet frawdolenti rrapportati fl-2022 huma relatati ma' valur mhux korrett u klassifikazzjoni mhux korretta jew deskrizzjoni ħażina tal-oġġetti, filwaqt li l-kuntrabandu jibqa' wieħed mill-*modus operandi* primarju; jinnota li l-biċċa l-kbira tal-każijiet frawdolenti jinstabu permezz ta' spezzjonijiet minn servizzi nazzjonali kontra l-frodi flimkien ma' kontrolli tar-rilaxx doganali; jinnota li r-rata ta' rkupru bħalissa hija ta' 48 %, għalkemm jista' jkun mistenni li se tiżdied fil-futur minħabba t-tul tal-proċess;

47. Jinnota s-sommarju tar-rinunzji tal-irkupri u tal-ammonti stabbiliti riċevibbli fl-Anness 9 tal-AMPR tal-2022; jinnota li l-valur ġenerali totali tal-irkupri rrinunzjati kien ta' EUR 40,4 miljun, żieda ta' 28 % meta mqabbel mal-2021 (EUR 31,4 miljun) u jqis li dan huwa telf ta' dħul għall-baġit tal-Unjoni;

48. Jilqa' l-iżviluppi li rriżultaw fit-tneħħija tar-riżerva kemm ikkwantifikata kif ukoll mhux ikkwantifikata fil-qasam tat-tessuti u taż-żraben importati miċ-Ċina; jinnota b'sodisfazzjon li r-Renju Unit issa ħallas l-ammont totali dovut (pagament finali ta' EUR 1,57 biljun f'Jannar 2023) inkluż l-imgħax (EUR 1,4 biljun fi Frar 2023); jinnota li 26 Stat Membru għamlu pagamenti proviżorji sinifikanti għall-ammonti mistennija tagħhom minħabba l-baġit tal-Unjoni u li f'konformità mas-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-213/19 il-Kummissjoni se tapplika l-istess metodu ta' kwantifikazzjoni għal dawn l-Istati Membri bħal fil-każ tar-Renju Unit, li se jirriżulta f'ammonti kkalkolati mill-ġdid, li jippermettu lill-Kummissjoni tiffinalizza l-eżerċizzju kompletament;

Rakkomandazzjonijiet

49. Jistieden lill-Kummissjoni:

    (i) tieħu f'idejha s-suġġerimenti tal-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-riżorsi proprji sabiex tiżgura r-riżorsi ħalli jitħallsu lura l-investimenti magħmula fl-ambitu tan-Next Generation EU;
    (ii) tagħmel użu mill-mezzi kollha disponibbli biex tiġi stimulata l-kooperazzjoni bejn is-servizzi kontra l-frodi u l-aġenziji doganali biex jidentifikaw, jipprevjenu u jikkoreġu l-frodi li taffettwa d-dħul tal-Unjoni;
    (iii) tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati tar-rieżami tar-riżorsi proprji miġbura;
    (iv) teżamina bir-reqqa d-differenzi fir-rati ta' rkupru mill-Istati Membri sabiex tidentifika dgħufijiet speċifiċi possibbli;

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

50. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 1 tal-QFP "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" kien ta' EUR 25,2 biljun (12,9 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: EUR 15,8-il biljun (62,8 %) għar-Riċerka, EUR 3,5 biljun (14,0 %) għat-Trasport, l-Enerġija u d-Diġitali, EUR 2,7 biljun (10,6 %) għall-Programm InvestEU, EUR 2 biljun (8,0 %) għall-Ispazju, u EUR 1,2 biljun (4,6 %) għal oqsma oħra; jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2022 l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati kienu ta' EUR 21 845,08 miljun u 99,99 % minnhom ġew implimentati (EUR 21 842,58 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 20 605,64 miljun u 99,35 % minnhom ġew implimentati (EUR 20 4710,31 miljun);

Innovazzjoni u riċerka

51. Jenfasizza l-importanza tal-programmi ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni għall-iżvilupp xjentifiku, tas-soċjetà, u teknoloġiku/ekonomiku tal-Unjoni, biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, għall-irkupru, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni għall-enerġija mir-Russja; ifakkar li Orizzont Ewropa huwa l-aktar programm sinifikanti ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa, b'baġit totali ta' EUR 95,5 biljun, inklużi EUR 5,4 biljun mill-istrument tan-Next Generation EU; jinnota li l-RRF allokat madwar EUR 48 biljun f'investimenti għar-riċerka u l-innovazzjoni;

52. Jinnota l-adozzjoni tard tal-bażijiet legali ta' Orizzont Ewropa fl-2021 u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni rnexxielha tilħaq kważi 100 % tal-implimentazzjoni tal-baġit fl-2021 u fl-2022; jinnota li l-għadd ta' ftehimiet ta' għotja ffirmati sa tmiem l-2022 kien ta' 5 509; jinnota li, minkejja l-fatt li r-rata medja ta' suċċess tal-proposti żdiedet minn 11,9 % f'Orizzont 2020 għal 15,9 % f'Orizzont Ewropa, 7 minn 10 proposti ta' kwalità għolja għadhom ma jistgħux jiġu ffinanzjati u huma meħtieġa EUR 34,3 biljun addizzjonali biex jiġu ffinanzjati dawk il-proposti;

53. Jinnota li l-Qorti eżaminat 127 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq taħt din l-intestatura tal-QFP, b'mod partikolari l-programm Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), l-istrumenti finanzjarji u l-programm spazjali, inkluża l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD) u d-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DĠ DEFIS);

54. Jinnota li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball fl-infiq fuq "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" fl-2022 kien materjali fil-livell ta' 2,7 %; jinnota b'sodisfazzjon li dan huwa tnaqqis konsiderevoli meta mqabbel ma' 4,4 % fl-2021; jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni hija l-aktar affettwata minn żball, b'mod partikolari fil-qasam tal-ispejjeż tal-persunal; jinnota li l-Kummissjoni kkalkolat rata ta' żball ta' 1,5 % għal din l-intestatura;

55. Jinnota li fl-2022 l-iżbalji kwantifikabbli relatati mal-ispejjeż ineliġibbli jirrappreżentaw 98 % tal-livell stmat ta' żball tal-Qorti; jinnota bi tħassib, b'mod partikolari, li r-regoli għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-persunal fl-ambitu ta' Orizzont 2020 jibqgħu kumplessi u li l-kalkolu tagħhom jibqa' sors sinifikanti ta' żball (67 % tal-livell stmat

ta’ żball fl-2022); jinnota li l-Kummissjoni żviluppat u tippromwovi l-użu tal-“Personnel Costs Wizard” biex tgħin lill-benefiċjarji jiddikjaraw l-ispejjeż tal-persunal tagħhom b’mod korrett;

56. Jinnota li Orizzont 2020 għadu jirrappreżenta l-maġġoranza l-kbira tal-proġetti fil-kampjun tal-Qorti, filwaqt li fil-kampjun tal-2022 kien hemm proġett wieħed biss ta’ Orizzont Ewropa; jisħaq li, skont il-Qorti, ċerti simplifikazzjonijiet f’Orizzont 2020, b’mod partikolari l-introduzzjoni ta’ rata fissa għall-ispejjeż indiretti, naqqsu l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u għandhom il-potenzjal li jnaqqsu r-riskju ta’ żball;

57. Jinnota r-rimarki li għamel id-Direttur Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fis-seduta ta’ kwittanza tiegħu li l-Kummissjoni beħsiebha żżid l-iżborż tal-fondi ta’ Orizzont Ewropa permezz ta’ somom f’daqqa minn 2 % fl-2022 għal 50 % fl-2027; jinnota, f’dak il-kuntest, ir-rieżami speċifiku tal-Qorti tal-proċeduri u l-gwida tal-Kummissjoni dwar l-għotjiet iffinanzjati b’somma f’daqqa fir-riċerka; jinnota d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-livell ta’ skrutinju f’termini ta’ ekonomija, effiċjenza u effettività huwa ogħla fl-evalwazzjoni tal-proposti ta’ somma f’daqqa;

58. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tas-settur privat biex jindirizza d-distakk fl-innovazzjoni fl-Unjoni u jtejjeb il-kompetittività u t-tkabbir tal-Unjoni; jemmen, b’mod partikolari, li huwa essenzjali li tibqa’ tiġi promossa u ffaċilitata kemm jista’ jkun il-parteċipazzjoni ta’ intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) fil-programmi ta’ finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li l-SMEs u l-parteċipanti l-ġodda huma aktar suxxettibbli għal żbalji minn benefiċjarji oħra u jilqa’ l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tappoġġjahom b’mod speċifiku, pereżempju permezz ta’ kampanji ta’ informazzjoni, kuntatti mas-sistema ta’ Punti ta’ Kuntatt nazzjonali u l-helpdesk iddedikat tas-Servizz ta’ Tagħrif dwar ir-Riċerka;

59. Jinnota li l-Valutazzjoni tar-Riskju ta’ Frodi tal-Familja fl-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni ġiet aġġornata fl-2022 bħala ħidma li saret qabel l-aġġornament tal-2023 tal-Istrateġija Komuni Kontra l-Frodi; jinnota l-abbozzar u l-adozzjoni fl-2022 tal-“Guidance on Horizon Europe ex-ante anti-fraud checks” (Gwida dwar il-kontrolli *ex ante* kontra l-frodi ta’ Orizzont Ewropa), li hija parti mill-istrateġija ta’ kontroll *ex ante* ta’ Orizzont Ewropa; jinnota li l-forum ewlieni tal-Familja tar-riċerka u l-innovazzjoni dwar kwistjonijiet kontra l-frodi huwa l-kumitat għall-Frodi u l-Irregolaritajiet fir-Riċerka (il-Kumitat FAIR), li ltaqa’ darbtejn fl-2022; jinnota li fl-2022 id-DĠ RTD aġġorna wkoll l-Istrateġija tiegħu Kontra l-Frodi;

60. Ifakkar li t-trawwim, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent huma waħda mill-ħames inizjattivi ewlenin li tinkludi l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni (NEIA), adottata fil-5 ta’ Lulju 2022; jinnota d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju Ivanova fis-seduta ta’ kwittanza tagħha dwar l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni biex iżżid l-inklużività f’Orizzont 2020 u f’Orizzont Ewropa; jinnota r-rikonoxximent tal-Kummissarju li huma meħtieġa aktar sforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa u taż-żgħażagħ fil-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni; jinnota f’dan ir-rigward l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex timplimenta d-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri f’Orizzont Ewropa, u l-isforz konġunt bejn l-RTD u l-EAC biex jiġi attirat it-talent femminili għas-suġġetti STEM; jilqa’ l-fatt li, minbarra inizjattivi oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jappoġġjaw u jagħtu s-setgħa

lin-nisa fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni, fl-2022 il-Kummissjoni nediet it-tieni edizzjoni tas-sejħa Women TechEU b'baġit miżjud ta' EUR 10 miljun, li attira livell rekord ta' interess b'467 applikazzjoni minn 35 Stat Membru u Pajjiżi Assoċjati ma' Orizzont Ewropa;

61. Jilqa' r-rwol tal-ERC biex jappoġġja l-aqwa riċerkaturi fl-Ewropa, li huwa ssottolinjat minn bosta premjijiet, inklużi 14-il Premju Nobel, sitt Medalji Fields u 11-il Premju Wolf; jilqa' l-2 300 applikazzjoni għall-privattivi u l-400 kumpanija spin-out iġġenerati bis-saħħa tal-proġetti tal-ERC;

62. Jinnota d-disparitajiet fl-iżvilupp tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni u jilqa' l-miżuri differenti li ħadet il-Kummissjoni biex tagħti spinta lill-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-Istati Membri, speċjalment il-pajjiżi tar-riċerka u l-innovazzjoni anqas produttivi, inklużi madwar EUR 48 biljun mill-RRF, flimkien ma' EUR 43 biljun mill-Politika ta' Koeżjoni u EUR 3 biljun mill-komponent tat-"Twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza" ta' Orizzont Ewropa; jinnota li minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni biex iżżid il-finanzjament allokat lir-riċerkaturi fil-pajjiżi li qed jespandu, diversi "pajjiżi li qed jipprovaw ilaħħqu" għadhom mhumiex qed juru progress;

63. Jinnota li, wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni waqqfet il-parteċipazzjoni tal-entitajiet pubbliċi Russi fi proġetti li għaddejjin bħalissa ta' Orizzont 2020 u fi proġetti futuri ta' Orizzont Ewropa; jinnota li l-aħħar emenda tal-programm ta' ħidma "prinċipali" ta' Orizzont Ewropa 2021-2022, adottat fl-10 ta' Mejju 2022, kienet tinkludi azzjonijiet maħsuba biex jappoġġjaw riċerkaturi li qabel kienu attivi fl-Ukrajna; jinnota li l-Kummissjoni pprovdiet appoġġ finanzjarju fil-forma ta' għotja ta' EUR 1,5 miljun lill-Fondazzjoni Nazzjonali għar-Riċerka tal-Ukrajna għall-istabbiliment ta' Uffiċċju ta' Orizzont Ewropa fl-Ukrajna (Kiev), li se jippromwovi opportunitajiet ta' finanzjament u joffri appoġġ fl-abbozzar ta' proposti u fis-sejbien ta' sħab fl-Ewropa;

L-Enerġija

64. Jinnota l-kumplessità tal-qafas tal-politika tal-enerġija fl-Unjoni u jisħaq fuq il-fatt li l-iżgurar ta' interkonnettività aħjar huwa fil-qalba tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni; jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar l-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (UE) 2022/869 ("ir-Regolament TEN-E")[4]; iqis li l-Unjoni, permezz tat-TEN-E, tas-CEF u tal-Pjan RRF/RePowerEU, għamlet qafas legali robust disponibbli għall-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija, li jindirizza l-isfidi tad-dekarbonizzazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili; jinnota l-isforzi li saru biex tiġi kkoordinata l-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-elettriku ta' prijorità għolja madwar l-Istati Membri, tiġi diġitalizzata s-sistema tal-enerġija tal-Unjoni, u jiġi stimulat l-investiment fil-grilja bl-ambjent ta' regolarità t-tajjeb, b'mod partikolari permezz tal-Enerġija tal-FNE;

65. Jinnota li, b'kollox, l-Enerġija tal-FNE 1 u 2 (2014-2023) ipprovdiet EUR 6,3 biljun ta' appoġġ għal proġetti tal-enerġija (EUR 5,8 biljun f'xogħlijiet, EUR 0,5 biljun fi studji) għal aktar minn 117-il Proġett ta' Interess Komuni (PCIs) u sa tmiem l-2022, tlestew

[4] ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45–102

107 azzjonijiet li rċevew appoġġ mill-Enerġija tal-FNE-1;

Rakkomandazzjonijiet

66. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tkompli tapplika regoli u proċeduri simplifikati, miżuri ta' diġitalizzazzjoni u għażliet ta' spejjeż simplifikati (SCOs) filwaqt li tindirizza, b'mod partikolari, ir-riskju ta' irregolaritajiet u frodi u l-ispejjeż tal-kontrolli;
(ii) tkompli tippromwovi l-użu tal-"Personnel Costs Wizard" għall-benefiċjarji, b'mod partikolari l-parteċipanti ġodda u l-SMEs, biex jitnaqqas il-livell ta' żball relatat mal-ispejjeż tal-persunal;
(iii) tkompli bl-isforzi tagħha biex tikseb programm ta' riċerka tal-Unjoni aktar inklużiv billi tagħti appoġġ, tistabbilixxi miri ċari u torganizza programmi ta' riċerka speċjali għal gruppi fil-mira sottorappreżentati, bħan-nisa u ż-żgħażagħ, filwaqt li taspira wkoll li jkun hemm distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata madwar l-Unjoni;
(iv) tħeġġeġ u tappoġġja lill-Istati Membri, speċjalment lill-"pajjiżi li qed jipprovaw ilaħħqu", biex jisfruttaw bis-sħiħ is-sinerġiji bejn il-fondi disponibbli tal-Unjoni, inklużi l-RRF u l-fondi ta' Koeżjoni, ħalli jżidu l-għadd ta' attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni f'dawn il-pajjiżi; u
(v) tkompli l-finanzjament biex tinħoloq Unjoni tal-Enerġija integrata, innovattiva u reżiljenti li tippromwovi enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezzijiet raġonevoli għal kulħadd, b'mod partikolari l-SMEs u l-konsumaturi vulnerabbli u foqra fl-enerġija, filwaqt li taċċellera t-tranżizzjoni enerġetika nadifa u ġusta tal-Ewropa biex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050;

Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri

67. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 2 tal-QFP "Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri" kien ta' EUR 79,1 biljun (40,4 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 53,6 % għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u operazzjonijiet reġjonali oħra, 23,6 % għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), 12,6 % għall-Fond ta' Koeżjoni (FK), 4,4 % għall-Erasmus+, 2,3 % għat-Trasport tal-FNE, 0,6 % għall-ESI u 2,9 % għal oqsma oħra; jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2022 l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati kienu ta' EUR 67 805,19-il miljun u 98,29 % minnhom ġew implimentati (EUR 66 644,24 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 63 104,31 miljun u 99,86 % minnhom ġew implimentati (EUR 63 054,76 miljun);

68. Jinnota li fl-2022, kompliet l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u li għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni kkonkludiet in-negozjati tal-programmi kollha u għamlet biss pagamenti bil-quddiem, li ammontaw għal EUR 6,5 biljun;

69. Jieħu nota tal-fatt li r-rata ta' assorbiment għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 laħqet 79,2 % fl-aħħar tal-2022 (86 % fl-aħħar tal-2023, inkluża l-assistenza fl-Irkupru għall-koeżjoni u t-territorji tal-Ewropa (REACT-EU) li żdiedet dan l-aħħar fl-2021-2022), filwaqt li kellha livell simili fl-istess żmien bħal dak fil-perjodu 2007-2013; jinnota li l-programmi tal-2014-2020

jammontaw għal aktar minn miljun proġett u li s'issa, huma appoġġjaw 2,4 miljun negozju, ħolqu 370 000 impjieg ġdid, żiedu l-prestazzjoni tal-enerġija ta' aktar minn 540 000 unità domestika, ħolqu 6 000 megawatt ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli u li 6,3 miljun unità domestika bbenefikaw mill-broadband;

70. Jinnota wkoll li, fl-2022, l-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Rifuġjati fl-Ewropa (CARE) u l-Assistenza Flessibbli għat-Territorji (FAST-CARE) immobilizzaw aktar minn EUR 1,3 biljun biex jgħinu lill-Istati Membri u lir-reġjuni jappoġġjaw miljuni ta' rifuġjati Ukreni li qed ifittxu kenn fit-territorju tal-Unjoni, inklużi programmi ġenerali ta' integrazzjoni soċjali, kura tas-saħħa, ikel jew assistenza essenzjali, u orjentazzjoni għas-suq tax-xogħol; jilqa' l-fatt li l-miżuri proposti huma soġġetti għall-istess obbligi rigward sistemi adegwati ta' ġestjoni u kontroll u ġestjoni finanzjarja tajba li japplikaw għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni;

71. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 260 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 2 tal-QFP; jinnota bi tħassib li fl-2022 il-livell ġenerali stmat ta' żball tal-Qorti fil-"Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri" kien ta' 6,4 %, li huwa ogħla mil-livell limitu ta' materjalità; jiġbed l-attenzjoni għaż-żieda sinifikanti fil-livell ġenerali ta' żball stmat mill-Qorti fl-2022 meta mqabbel mas-snin preċedenti (3,6 % fl-2021, 3,5 % fl-2020) filwaqt li l-Kummissjoni tistma li r-riskju tal-pagament għall-2022 huwa bejn 1,9 % u 2,7 %, li jibqa' stabbli meta mqabbel mas-snin preċedenti (1,9 %-2,5 % fl-2021, 2,1 %-2,6 % fl-2020);

72. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-fatt li l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-programmi tal-2014-2020 kien wasal fi tmiemu (31 ta' Diċembru 2023) żied il-pressjoni tal-assorbiment u li matul il-perjodu tal-COVID-19, l-effettività tal-kontrolli u tal-verifiki mill-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar jaf tnaqqset, filwaqt li potenzjalment żiedet ir-riskju ta' żbalji u irregolaritajiet mhux identifikati; jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-sitwazzjoni speċifika u l-flessibbiltajiet mogħtija matul il-COVID-19 jaf kellhom rwol fir-riskju ta' irregolaritajiet minħabba l-ħtieġa li jinstabu modi alternattivi (remoti) għall-kontroll tan-nefqa; jisħaq, madankollu, fuq il-fatt li skont il-Kummissjoni, ir-riskji u l-irregolaritajiet identifikati huma pjuttost marbuta mat-tip ta' azzjonijiet implimentati matul il-perjodu tal-COVID-19 jew mal-implimentazzjoni jew mal-fehim tal-flessibbiltà introdotta fir-regoli dwar l-akkwist pubbliku;

73. Jinnota l-ispjegazzjonijiet tal-Qorti li r-rata ta' żball tagħha tirreferi għas-sehem tan-nefqa ddikjarat, li għalih hija tqis li l-kundizzjonijiet għall-ħlas stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ("ir-Regolament Finanzjarju")[5] , is-CPR u d-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ("id-Direttiva PIF")[6] ma ġewx issodisfati bis-sħiħ, u dan wassal għal impatt finanzjarju dirett u li jista' jitkejjel fuq l-ammont ta' pagament awtorizzat fiż-żmien mill-baġit tal-Unjoni; jieħu nota tal-kjarifika tal-Qorti li r-rata ta' żball ma għandhiex tiġi interpretata bħala ekwivalenti għall-ammont potenzjali ta' korrezzjonijiet finanzjarji li l-Kummissjoni tista' timponi f'konformità mar-regoli applikabbli;

74. Jinnota li fir-rapporti annwali tal-attività, il-Kummissjoni tirrapporta r-rati ta' żball, għal

[5] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1
[6] ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29–41

kull programm u b'mod ġenerali għall-fondi, li strettament jirreferu għal irregolaritajiet li jwasslu għal korrezzjonijiet finanzjarji; jinnota li biex jiġu imposti korrezzjonijiet finanzjarji, il-Kummissjoni jeħtieġ li tikkonkludi li seħħet irregolarità skont it-tifsira tal-Artikolu 2(36) tas-CPR, filwaqt li mhux il-ksur u l-iżbalji formali kollha inklużi mill-Qorti bħala żbalji kwantifikabbli fir-rata ta' żball stmata tagħha jwasslu għal nefqa ineliġibbli minħabba li ma jikkwalifikawx bħala irregolarità kif definit fl-Artikolu 2(36) tas-CPR;

75. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti u l-impenn tagħha li tiċċara r-regoli applikabbli u l-ħidma tal-awditjar meħtieġa mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Qorti, biex tillimita dawn id-diverġenzi fil-valutazzjonijiet futuri u fil-kwantifikazzjoni tal-iżbalji; iħeġġeġ liż-żewġ istituzzjonijiet, flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex jaħdmu aktar ħalli jnaqqsu d-diverġenzi sabiex jiżguraw ċarezza tad-dritt u jiżguraw li l-awditi ma jwasslux għal piż amministrattiv eċċessiv fuq il-benefiċjarji u, b'dan il-mod, l-objettivi ta' politika jintlaħqu fil-prattika;

76. Jinnota li l-Qorti identifikat żieda fit-tipi speċifiċi ta' żbalji, bħal spejjeż u proġetti ineliġibbli u ksur tar-regoli tas-suq intern, inklużi r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat, li huma l-istess kategoriji ta' irregolaritajiet identifikati mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet tal-awditjar abbażi tat-tipoloġija komuni tagħhom; jinnota li 3 % tar-rata stmata ta' żball ta' 6,4 % tal-Qorti fl-Intestatura 2 hija relatata ma' prijoritajiet kofinanzjati kollha kemm huma fl-ambitu tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII+) li ppermettiet infiq aktar flessibbli; jinnota li l-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza tal-awditjar ta' impatt sinifikanti b'mod ġenerali tat-tipi l-ġodda ta' miżuri u ta' flessibbiltajiet introdotti fuq ir-rati ta' żball tal-programm u jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni ħadet miżuri biex tipprevjeni tali riskju;

77. Jieħu nota li għall-FEŻR u l-FK, il-Kummissjoni implimentat korrezzjonijiet finanzjarji u rtirar li jammontaw għal EUR 11-il biljun matul il-perjodu ta' programmazzjoni, inklużi EUR 2,4 biljun għas-sena kontabilistika 2021-2022; jinnota wkoll li l-Kummissjoni tkompli bl-implimentazzjoni tal-"pjan ta' azzjoni mmirat tagħha dwar l-akkwist pubbliku" f'kooperazzjoni mal-Istati Membri;

78. Jinnota r-rimarka tal-Qorti li l-fatt li kien hemm koinċidenza bejn il-perjodi ta' programmazzjoni, flimkien mad-disponibbiltà ta' strumenti ta' finanzjament addizzjonali fl-ambitu tan-Next Generation EU (REACT-EU u l-RRF), b'ħajja aktar limitata, seta' għamel pressjoni fuq il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri fil-perjodu ta' programmazzjoni u fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni tagħhom tal-2021-2027; jinnota li fl-2022, l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kellhom iċaqilqu l-enfasi tagħhom fuq ir-riprogrammazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2014-2020, inkluża l-introduzzjoni ta' miżuri ffinanzjati fl-ambitu tas-CRII(+), REACT-EU, l-Assistenza Flessibbli għat-Territorji (FAST-CARE) u l-Appoġġ għall-Enerġija Affordabbli (SAFE), kif ukoll l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali fl-ambitu tal-RRF sabiex jiġu indirizzati miżuri differenti ta' kriżi, ta' rkupru u ta' salvataġġ; jinnota li d-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-programmi tal-2014-2020;

79. Jinnota li l-komplementarjetà tikkaratterizza r-relazzjoni bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-istrumenti l-oħra ta' finanzjament tal-Unjoni; ifakkar li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-RRF huma differenti f'termini ta' objettivi ġenerali, skeda ta' żmien, mod ta' ġestjoni u finanzjament, iżda jenfasizza li l-komplementarjetà bejniethom hija possibbli u mistennija, dment li l-istess spejjeż ma jkunux koperti darbtejn;

80. Jinnota li l-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni, b'mod partikolari meta l-awtoritajiet nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-RRF huma l-istess bħal dawk għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, u saħqet li għandu jkun hemm biżżejjed kapaċità amministrattiva u riżorsi umani addizzjonali allokati għall-fergħat differenti tal-finanzjament tal-Unjoni;

81. Jilqa' l-fatt li la l-Qorti u lanqas il-Kummissjoni ma jidentifikaw xi każ li fih il-kofinanzjament nazzjonali obbligatorju ta' proġett ta' koeżjoni tħallas mill-fondi RRF fl-iżborżi tal-RRF għall-2022;

82. Jinnota li l-Qorti tqis li l-analiżijiet mhux fuq il-post u l-awditi tal-konformità tal-Kummissjoni għandhom limitazzjonijiet inerenti biex jikkonfermaw il-validità tar-rati ta' żbalji totali residwi rrapportati mill-awtoritajiet tal-awditjar; jieħu nota tat-tweġiba tal-Kummissjoni li l-valutazzjoni tagħha, abbażi ta' taħlita ta' ħidma tal-awditjar mhux fuq il-post u fuq il-post li tkopri l-programmi individwali differenti u l-pakketti ta' aċċertament, tippermettilha tistabbilixxi stima raġonevoli u ġusta tar-rati ta' żball għal kull programm, kull sena, u b'mod kumulattiv għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni;

83. Jinnota s-sejba tal-Qorti li l-proporzjon ta' pakketti ta' aċċertament b'rati tal-iżbalji residwi ta' aktar minn 2 % laħaq l-ogħla livell ta' 61 % tan-nefqa fil-kampjun tal-Qorti fl-2022 meta mqabbel ma' 39 % fis-sena preċedenti, li jirrifletti n-nuqqasijiet persistenti fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar; jisħaq bi tħassib li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti matul l-aħħar sitt snin juru li l-kontrolli stabbiliti attwalment għadhom ma jnaqqsux biżżejjed ir-riskju inerenti kbir ta' żball fil-koeżjoni, u li l-awtoritajiet maniġerjali mhux dejjem jipprevjenu jew jidentifikaw b'mod effettiv irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji; jinnota bi tħassib li l-iżbalji li nstabu mill-Qorti jirrappreżentaw dgħufijiet sinifikanti fil-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar rigward il-verifika tal-eliġibbiltà tal-infiq u tal-proġetti, u l-konformità mar-regoli tas-suq intern; jinnota li parti mir-rati ta' żbalji residwi kkalkolati mill-ġdid mill-Qorti ta' aktar minn 2 % fil-pakketti ta' aċċertament awditjati huma attribwibbli għad-diverġenzi msemmija hawn fuq;

84. Huwa mħasseb dwar in-nuqqasijiet persistenti osservati mill-Qorti fl-awditi nazzjonali, li jistgħu jkunu dovuti għal kamp ta' applikazzjoni inadegwat, dokumentazzjoni mhux ċara tal-awditi u l-filtrazzjoni tal-kampjuni mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, kif ukoll kwistjonijiet ta' riżorsi, inklużi finanzjament inadegwat u nuqqas ta' forza tax-xogħol b'ħiliet fl-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar; jinnota li l-Kummissjoni tqis li l-ħidma tal-maġġoranza tal-awtoritajiet tal-awditjar hija affidabbli u li sebgħa biss minn 81 awtorità tal-awditjar jeħtieġu titjib serju;

85. Jinnota s-sejba tal-Qorti li, bħala mod biex tiġi ssimplifikata n-nefqa, il-benefiċjarji tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni użaw l-SCOs għal 77 tranżazzjoni, jew 30 % tal-kampjun tagħhom, filwaqt li applikaw jew rati fissi, bejgħ standard ta' spejjeż unitarji

jew taħlita tat-tnejn; jisħaq li l-SCOs huma waħda mill-aktar miżuri importanti biex jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi għall-benefiċjarji u, għalhekk, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess ta' benefiċjarji żgħar għall-finanzjament u ssir enfasi akbar fuq l-ilħuq tal-objettivi filwaqt li titnaqqas ir-rata ta' żball;

86. Jinnota li, għall-programmi tal-2021-2027, il-Kummissjoni ħeġġet l-użu mill-awtoritajiet tal-programm tal-miżuri ta' simplifikazzjoni previsti fl-ambitu tas-CPR, b'mod partikolari, l-użu tal-SCOs u l-iskemi ta' finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż (FNLC) biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' eliġibbiltà, jiġu ffaċilitati l-verifiki tal-ġestjoni u jiġi kkontrollat il-piż fuq il-benefiċjarji; jinnota li, bħala riżultat ta' dan l-isforz, għall-FEŻR u għall-FK pereżempju, s'issa ġew adottati 120 skema tal-SCO fil-livell tal-programm fi 11-il Stat Membru u għall-programmi Interreg (EUR 5,7 biljun ta' kontribuzzjoni totali) kif ukoll erba' skemi tal-FNLC f'erba' Stat Membru (għal EUR 1,2 biljun ta' kontribuzzjoni totali);

87. Ifakkar li għall-perjodu 2021-2027, l-Istati Membri jeħtieġ li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet abilitanti orizzontali jew tematiċi tas-CPR, li huma kundizzjonijiet preliminari għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-objettivi speċifiċi tal-fondi; ifakkar li meta l-kundizzjonijiet abilitanti ma jiġux issodisfati fiż-żmien tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-pagament lill-Kummissjoni għall-objettiv speċifiku kkonċernat, in-nefqa relatata ma tiġix rimborżata mill-baġit tal-Unjoni sakemm il-Kummissjoni tkun issodisfata li l-kundizzjoni abilitanti tkun ġiet issodisfata;

88. Jinnota mir-Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE għas-sena 2022 (Rapport PIF)[7] li mill-2021 sal-2022, l-għadd ta' irregolaritajiet frawdolenti relatati mal-Politika ta' Koeżjoni żdied b'4,2 %, filwaqt li irregolaritajiet mhux frawdolenti żdiedu b'10,2 %; jinnota li l-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tal-awditjar jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskji ġodda relatati mal-multiplikazzjoni tal-Fondi u l-finanzjament addizzjonali fl-ambitu tan-Next Generation EU, b'mod partikolari, il-"finanzjament doppju", il-kunflitti ta' interess, il-frodi jew il-korruzzjoni; jinnota l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tippromwovi l-użu tal-għodda ta' punteġġ tar-riskju ARACHNE għall-Istati Membri li qed isibuha bi tqila biex jagħmlu dan, u biex tintroduċi titjib fl-għodda; jinnota li l-awtoritajiet tal-awditjar indirizzaw b'mod espliċitu r-riskju ta' frodi għal 65 % tal-operazzjonijiet awditjati fil-perjodu 2014-2020, li huwa titjib fuq it-38 % li nstab fl-2021 mill-Qorti;

Rakkomandazzjonijiet

89. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-Qorti sabiex tfittex il-komparabbiltà possibbli tar-riżultati tar-rati ta' żball stmati tagħhom, kif ukoll biex tallinja l-interpretazzjoni tat-testi legali;
(ii) tagħti attenzjoni partikolari fl-awditi tagħha għar-riskji marbuta mal-flessibbiltajiet introdotti bl-emendi CRII/CRII+;
(iii) tkompli tappoġġja lill-Istati Membri minħabba t-tlestija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u l-implimentazzjoni ta' dak attwali, b'mod

[7] COM(2023) 464 final

partikolari billi tappoġġja t-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi;

(iv) tkompli l-implimentazzjoni tal-“pjan ta’ azzjoni dwar l-akkwist pubbliku” immirat tagħha f’kooperazzjoni mal-Istati Membri biex tgħin lill-awtoritajiet tal-programm u lill-awtoritajiet kontraenti jtejbu l-prattiki tagħhom fil-qasam tal-akkwist pubbliku, inkluż kif għandhom jevitaw l-aktar żbalji komuni fl-akkwist pubbliku marbuta mal-ġestjoni tal-Fondi ESI, kif ukoll sessjonijiet ta’ taħriġ immirati għall-uffiċjali tal-Istati Membri;

(v) tkompli ttejjeb is-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi ta’ koeżjoni u taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tidentifika l-aħjar prattiki rigward id-diġitalizzazzjoni tal-prattiki u l-proċeduri;

(vi) taħdem, sabiex tikseb użu b’suċċess tal-SCOs, fl-istess ħin mal-partijiet ikkonċernati kollha, fuq l-armonizzazzjoni metodoloġika u tal-aċċertament sabiex ikun hemm biżżejjed prevedibbiltà għall-benefiċjarji dwar kif dawk l-għażliet huma mistennija li jiġu implimentati; u tiżgura li l-awditi ma jwasslux għal aktar burokrazija fl-implimentazzjoni u għal piż tal-awditjar bla bżonn fuq il-benefiċjarji;

(vii) taħdem flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri, biex tiżgura li r-riskju speċifiku ta’ finanzjament doppju, speċjalment bil-finanzjament tal-RRF ikun kopert sew mill-kontrolli u mill-awditi nazzjonali; jinsisti li l-Kummissjoni twettaq awditi tematiċi jew ta’ konformità, imfassla apposta biex jimmiraw lejn żoni u/jew Stati Membri b’riskju għoli; u

(viii) tistabbilixxi mekkaniżmu komprensiv għall-użu tal-fondi ta’ koeżjoni fil-każ ta’ ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux previsti permezz ta’ dispożizzjonijiet ta’ gwida dwar il-kamp ta’ applikazzjoni, id-disponibbiltà tal-finanzjament, il-governanza, l-awditjar u l-kontroll tagħha, u l-applikazzjoni;

Riżorsi naturali

90. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 3 tal-QFP “Riżorsi naturali” kien ta’ EUR 58,1 biljun (29,7 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 65,9 % għall-pagamenti diretti fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG), 26,2 % għall-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), 4,7 % għan-nefqa relatata mas-suq fl-ambitu tal-FAEG, 1,8 % għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, 0,9 % għall-Ambjent u l-Klima (LIFE), u 0,5 % għal oqsma oħra; jinnota li fil-31 ta’ Diċembru 2022, fl-ambitu tal-intestatura 3 tal-QFP “Riżorsi Naturali u Ambjent” l-approprjazzjonijiet ta’ impenn tal-baġit finali adottati kienu ta’ EUR 56 681,11 miljun u 98,92 % minnhom ġew implimentati (EUR 56 069,86 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta’ pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 55 781,71 miljun u 98,95 % minnhom ġew implimentati (EUR 55 197,56 miljun);

91. Jinnota li l-2022 kienet it-tieni u l-aħħar sena tal-perjodu tranżitorju li matulu l-Istati Membri jistgħu jużaw fondi mill-allokazzjoni tal-baġit tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-2021-2027 u EUR 8 biljun addizzjonali ta’ dħul assenjat esternament mill-fondi ta’ Next Generation EU għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għal pagamenti kontinwi lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra tal-PAK b’antiċipazzjoni għad-dħul fis-seħħ tal-PAK il-ġdida fl-1 ta’ Jannar 2023;

92. Jinnota li, fis-sena finanzjarja 2022, kien hemm aktar minn 5,9 miljun benefiċjarju ta’ skemi ta’ appoġġ dirett, madwar 3,5 miljun benefiċjarju ta’ miżuri għall-iżvilupp rurali

u madwar 0,11 miljun benefiċjarju ta' miżuri tas-suq; jisħaq li r-reżiljenza tal-bdiewa u tas-sistema tal-ikel tal-Unjoni kompliet tiżgura s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni u lil hinn minnha, minkejja l-isfidi li ffaċċjaw fl-2022;

93. Jinnota li l-gwerra mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat, fost azzjonijiet oħra, l-attivazzjoni tar-riżerva ta' kriżi fil-forma ta' pakkett ta' appoġġ li ammonta għal EUR 500 miljun, li minnhom EUR 350 miljun saru disponibbli għall-produtturi affettwati mir-riżerva u EUR 150 miljun oħra mill-FAEG; jilqa' r-rata għolja ta' eżekuzzjoni (aktar minn EUR 492 miljun) u l-implimentazzjoni mgħaġġla; jinnota li l-Istati Membri ngħataw flessibbiltà fid-deċiżjoni dwar is-setturi li huma qiesu l-aktar milquta mid-disturb tas-suq u anke t-tipi ta' skemi ta' għajnuna, li ddeterminaw is-sistema ta' kontroll applikata;

94. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 218-il tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP; jinnota li l-Qorti eżaminat ukoll l-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI) u d-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika (DĠ CLIMA), kif ukoll sistemi magħżula fi 17-il Stat Membru u fir-Renju Unit; jinnota li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball għar-"Riżorsi Naturali" huwa ta' 2,2 % (1,8 % fl-2022) u li l-maġġoranza tal-iżbalji li nstabu affettwaw it-tranżazzjonijiet tal-iżvilupp rurali; jinnota li d-DĠ AGRI jistma riskju fil-waqt tal-pagament ta' 1,76 %;

95. Jinnota li l-Qorti sabet 21 żball kwantifikabbli fl-iżvilupp rurali, sebgħa fil-pagamenti diretti, tnejn fin-nefqa relatata mal-miżuri tas-suq u tnejn fin-nefqa mhux tal-PAK; jinsab moħħu mistrieħ mill-fatt li l-Kummissjoni ddikjarat li tmienja mill-iżbalji kwantifikabbli għandhom impatt finanzjarju anqas minn EUR 100 (dikjarazzjoni żejda tal-erjas) u għall-biċċa l-kbira tagħhom, l-ammont li ntnefaq ħażin huwa anqas minn EUR 1 000;

96. Jinnota li l-maġġoranza tal-iżbalji li nstabu mill-Qorti kienu relatati mal-għoti ta' informazzjoni mhux preċiża dwar l-erjas jew l-annimali (42 %) u benefiċjarju, attività, proġett u nefqa ineliġibbli; jinnota bi tħassib, bħal fl-2022, li l-Qorti sabet f'diversi każijiet li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni kellhom biżżejjed informazzjoni biex jipprevjenu, jew biex jidentifikaw u jikkoreġu l-iżball qabel ma jaċċettaw in-nefqa u li dan kien jirriżulta f'rata ta' żball aktar baxxa stmata għal 1,3 %;

97. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-mudell tal-implimentazzjoni tal-PAK tal-2023-2027 għandu l-għan li jissimplifika r-regoli u li jenfasizza l-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Erja, li se jgħinu biex jitnaqqsu l-iżbalji; jinnota li, flimkien mal-iżbalji li saru mill-bdiewa, is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS) hija l-bażi għall-applikazzjoni għall-għajnuna ġeospazjali u jfakkar fil-benefiċċji potenzjali sinifikanti tat-teknoloġiji biex tiġi mmonitorjata l-għajnuna skont l-erja għall-bdiewa, l-amministrazzjonijiet u l-ambjent;

98. Jinnota l-eżempju ta' dikjarazzjoni mhux korretta ta' attività agrikola ppreżentata mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha, ikkwotat f'diversi mezzi ta' komunikazzjoni bħala l-każ tas-"siġar tal-lumi", fejn bidwi ddikjara li jikkultiva għelejjel permanenti, filwaqt li fir-realtà l-art kienet ilha ma tiġi kkultivata diversi snin; jinnota li l-impatt finanzjarju ta' dan l-iżball kien ta' EUR 8 349,06 kif irrapportat mill-Kummissjoni, flimkien mal-

azzjonijiet korrettivi meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, inkluż l-irkupru tal-ammont mitlub; jilqa' l-ħidma tal-awditjar bir-reqqa tal-Qorti u tal-Kummissjoni u s-segwitu mgħaġġel mill-aġenzija tal-pagamenti kkonċernata;

99. Jinnota li l-SCOs huma applikati fil-PAK kollha, inkluż fl-iżvilupp rurali fejn il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà huma aktar kumplessi u r-riskju ta' żball huwa akbar, u li għad hemm potenzjal li jiġu ssimplifikati miżuri li mhumiex ibbażati fuq dikjarazzjonijiet tal-erja jew tal-annimali, fejn l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk jirrimborżawx l-ispejjeż reali jew iħallsu skont eżiti predefiniti; jinnota li l-Kummissjoni tirrapporta li kważi 92 % tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali jagħmlu użu mill-SCOs;

100. Ifakkar li l-mudell ta' aċċertament tal-PAK jinkludi l-kontrolli tal-ewwel livell mill-aġenziji tal-pagamenti, ix-xogħol tal-awditjar imwettaq mill-korpi ta' ċertifikazzjoni indipendenti li jipprovdu opinjonijiet annwali dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-aġenziji tal-pagamenti, u l-ħidma tal-Kummissjoni permezz tal-approvazzjoni tal-kontijiet; jilqa' l-fatt li, minkejja xi inkonsistenzi minħabba l-iskedi differenti ta' aġġornament tas-settijiet tad-data dwar il-kontroll u l-pagamenti, il-Qorti sabet li s-sistemi magħżula tal-aġenziji tal-pagamenti kkalkulaw b'mod affidabbli l-pagamenti tal-għajnuna, li huwa prova tal-kwalità u l-koerenza ġenerali tal-istatistika dwar il-kontroll u d-data dwar il-pagamenti tal-Istati Membri rrapportata lill-Kummissjoni;

101. Jilqa' l-interess dejjem akbar fl-għodda integrata tal-IT għall-estrazzjoni tad-data ARACHNE u l-użu tagħha mill-Istati Membri, filwaqt li 13-il Stat Membru jużaw l-għodda għal tal-anqas xi miżuri, u ħames Stati Membri jipparteċipaw f'workshop ġenerali għall-introduzzjoni ta' ARACHNE; jinnota l-ostakli rrapportati mill-Istati Membri u l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex ittejjeb ARACHNE;

102. Jinnota li, fl-2022, il-Kummissjoni rrapportat rata ta' implimentazzjoni ta' 99,69 %, għall-impenji fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (EMFAF), titjib sinifikanti mir-rata ta' implimentazzjoni ta' 15,98 % tal-predeċessur tiegħu, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) fl-2021; jinnota, madankollu, li 94,76 % mill-approprjazzjonijiet impenjati ta' EUR 1 135,74 miljun fl-2022 u 97,06 % minn EUR 148,12 miljun fl-2021 baqgħu mhux imħallsa fi tmiem is-sena korrispondenti; jinnota wkoll li r-rata ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati għall-EMFAF fl-2022 kienet ta' 99,99 % u għall-FEMS fl-2021 kienet ta' 86,55 %;

103. Jinnota r-Rapport speċjali 09/2023 tal-Qorti dwar l-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli matul il-COVID-19 u l-konklużjoni tiegħu li r-rispons tal-Kummissjoni għat-theddida li nħolqot għall-ktajjen tal-provvista tal-prodotti agrikoli mill-pandemija tal-COVID-19 kien xieraq fil-biċċa l-kbira tal-aspetti iżda ma kienx fil-mira b'mod suffiċjenti; ifakkar li l-appoġġ dirett, b'baġit ta' EUR 712-il miljun, ġie implimentat malajr permezz tar-riallokazzjoni ta' fondi mhux użati mill-FAEŻR, li rriżulta fl-adozzjoni ta' din il-miżura l-aktar mill-Istati Membri b'porzjon sinifikanti tal-baġit tal-FAEŻR mhux użat fi tmiem l-2019; ifakkar ukoll li ħamsa mill-14-il Stat Membru għamlu l-finanzjament tal-Unjoni disponibbli għall-bdiewa kollha li ġarrbu telf, filwaqt li d-disgħa l-oħra mmiraw lejn setturi magħżula u appoġġjaw lill-benefiċjarji irrispettivament minn jekk kinux ġarrbu telf;

Rakkomandazzjonijiet

104. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tagħti attenzjoni espliċita fl-evalwazzjoni *ex post* tal-PAK 2014-2020 għall-perjodu tranżitorju 2021-2022 u r-rekwiżiti addizzjonali inklużi fid-dispożizzjonijiet tranżitorji fir-Regolament (UE) 2020/2220 [8];
(ii) tispjega lill-awtorità ta' kwittanza għaliex ir-rata ta' implimentazzjoni tal-impenji skont l-EMFAF hija tant ogħla mir-rata ta' implimentazzjoni tal-predeċessur tagħha;
(iii) iżżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar l-użu tal-SCOs fil-PAK attwali u l-ġdida u tevalwa l-użu tagħhom mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-benefiċjarji (potenzjali) biex jifhmu l-adozzjoni relattivament bil-mod ta' dawn l-għażliet;
(iv) tqis bir-reqqa l-indikaturi tar-riskju f'ARACHNE bil-għan li tnaqqas l-għadd ta' indikaturi foloz u tagħmel dawk li jifdal aktar effiċjenti fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet b'riskju għoli għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; u
(v) tippromwovi, tipprovdi inċentivi u tappoġġa lill-aġenziji tal-pagamenti tal-Istati Membri biex jużaw l-għodod tal-IT bħall-kontrolli permezz ta' monitoraġġ u teknoloġiji oħra tal-immaġni fil-qasam tal-monitoraġġ agrikolu;

Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri, Sigurtà u Difiża

105. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 4 tal-QFP "Migrazzjoni u ġestjoni tal-Fruntieri" kien ta' EUR 3,4 biljun (1,7 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 43,9 % għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), 23,1 % għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) u 33 % għal tliet aġenziji deċentralizzati: l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA); jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 3 410,39 miljun u 99,54 % minnhom ġew implimentati (EUR 3 394,69 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 3 372,54 miljun u 9761 % minnhom ġew implimentati (EUR 3 292,03 miljun);

106. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 5 tal-QFP "Sigurtà u Difiża" kien ta' EUR 1,2 biljun imqassam kif ġej: 45,6 % għall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), 17 % għall-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), 19,2 % għall-aġenziji deċentralizzati, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), il-Europol u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), 6,8 % għas-sikurezza u d-dekummissjonar nukleari, u 11,4 % għal oqsma oħra; jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit adottati finali kienu ta' EUR 1 813,03 miljun u 99,8 % minnhom kienu ġew implimentati (EUR 1 809,43 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament

[8] ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1–29

tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 1 158,67 miljun u 97,54 % minnhom ġew implimentati (EUR 1 130,20 miljun);

107. Jinnota li porzjon sinifikanti tal-infiq fl-ambitu tal-intestaturi 4 u 5 tal-QFP fl-2022 kien jikkonċerna t-tlestija ta' proġetti li kien jifdal mill-QFP tal-2014-2020; jinnota li ammonti sinifikanti ta' programmi nazzjonali tal-AMIF u tal-ISF għall-2014-2020 għadhom mhux żborżati (26 % għall-AMIF u 33 % għall-ISF fi tmiem l-2022) filwaqt li l-finanzjament għall-2014-2020 irid jintefaq sa Ġunju 2024;

108. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 23 tranżazzjoni li mhuwiex rappreżentattiv biżżejjed tal-infiq fl-ambitu tal-intestaturi 4 u 5 tal-QFP u, għalhekk, ma tistax tipprovdi stima tar-rata ta' żball; jinnota li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti juru li n-nefqa hija affettwata minn kwistjonijiet ta' eliġibbiltà u ta' akkwist u li din hija qasam ta' riskju għoli (11 minn 23 tranżazzjoni awditjata, jiġifieri 48 %, ġew affettwati minn żbalji); jinnota li l-Qorti kkwantifikat disa' żbalji li kellhom impatt fuq l-ammonti imposti fuq il-baġit tal-Unjoni u li hija sabet ukoll erba' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji, li ma kellhom l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-Kummissjoni tikkonkludi li r-riskju fil-waqt tal-pagament huwa anqas minn 2 % għan-nefqa fuq il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll għas-sigurtà u d-difiża;

109. Jilqa' l-progress identifikat mill-Qorti fir-rieżami tagħha tal-ħidma li saret minn sitt awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri bi tħejjija għall-AMIF tal-2021-2027, l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) u l-kontijiet annwali tal-ISF; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li, fiż-żmien taż-żjarat tagħha (bejn Settembru 2022 u Frar 2023), l-istrateġiji tal-awditjar tas-sitt Stati Membri kienu għadhom ma ġewx adottati, li huwa prerekwiżit għas-sottomissjoni ta' "pakkett ta' aċċertament";

110. Jinnota li l-istrateġija kontra l-frodi tad-DĠ DEFIS ġiet aġġornata fi Frar 2022 u l-implimentazzjoni tagħha qed tiġi mmonitorjata u rrapportata lill-maniġment kull sena; jilqa' l-fatt li ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-OLAF rigward id-DĠ DEFIS u li ma ġiet irrapportata l-ebda inċidenza ta' frodi fil-livell tal-Kummissjoni jew mis-sħab tagħha; jinnota li l-aħħar aġġornament tal-istrateġija kontra l-frodi tad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DĠ HOME) sar f'Ottubru 2021 u bħalissa qed jiġi implimentat; jilqa' l-fatt li, sa tmiem l-2022, 72 % tar-rakkomandazzjonijiet finanzjarji tal-OLAF mis-sena preċedenti ġew implimentati bis-sħiħ u 28 % kienu qed jiġu implimentati;

Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri

111. Jinnota li fl-2022 il-fondi fl-ambitu tal-intestatura 4 tal-QFP kienu strumentali biex jindirizzaw l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna; jieħu nota li ġiet introdotta aktar flessibbiltà fl-ambitu tal-fondi tal-2014-2020 biex jissaħħu l-possibbiltajiet li l-Istati Membri jgħaddu l-finanzjament għal ħtiġijiet ġodda, u ġew skattati EUR 400 miljun ta' assistenza ta' emerġenza fl-ambitu tal-Faċilitajiet Tematiċi; jinnota li l-adozzjoni tal-programmi tal-Istati Membri għall-2021-2027 tathom il-possibbiltà jaċċessaw aktar minn EUR 10 biljun fl-ambitu tal-fondi l-ġodda għall-perjodu ta' programmazzjoni;

112. Jinnota li mill-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, ġew irreġistrati aktar minn 16-il miljun persuna mill-Ukrajna u mill-Moldova bħala li daħlu fl-Unjoni, u aktar minn erba'

miljun persuna li kienu qed jaħarbu mill-gwerra kisbu protezzjoni fl-Unjoni; jinnota li l-Kummissjoni pprovdiet appoġġ finanzjarju lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni biex tappoġġja l-proċess, bħala parti minn proġett ta' EUR 15-il miljun li jiffaċilita t-trasferimenti ta' persuni vulnerabbli mill-Moldova li qed jaħarbu mill-Ukrajna; jinnota wkoll li fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ħabbret id-deċiżjoni li tagħti appoġġ finanzjarju ta' EUR 5,5 miljun lil proġett li għandu jitwettaq mill-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u n-Nofs Qamar l-Aħmar (IFRC) biex jappoġġja lill-ospitanti u lil dawk kollha involuti fl-għoti ta' akkomodazzjoni privata lil persuni spostati, filwaqt li jiġbor flimkien prattiki tajbin għall-ħtiġijiet futuri; jieħu nota li, fl-2022, fil-kuntest tal-finanzjament tal-Ukrajna, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet li jawtorizzaw l-użu tal-finanzjament mhux marbut ma' spejjeż li jammontaw għal EUR 248 miljun (Mejju 2022) u EUR 137 miljun (Awwissu 2022), kif ukoll għal għotjiet iżgħar, djar sikuri u appoġġ psikosoċjali li jammontaw għal EUR 15-il miljun;

113. Jinnota li fl-2022, id-DĠ HOME pprovda EUR 27 miljun għall-iskambju ta' informazzjoni relatata mas-sigurtà u EUR 25,5 miljun għall-ġlieda u l-prevenzjoni tal-kriminalità, inkluż it-terroriżmu; jinnota wkoll li f'Lulju 2022, permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), il-Kummissjoni allokat EUR 15,7-il miljun lill-Istati Membri biex jappoġġjaw aktar proġetti u attivitajiet fit-tul fil-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) - strument ta' sigurtà "xprunat" mill-Istati Membri biex jidentifikaw, jagħtu prijorità u jindirizzaw it-theddid maħluq mill-kriminalità internazzjonali organizzata u serja;

Sigurtà u difiża

114. Jilqa' l-fatt li l-parteċipazzjoni tal-SMEs fil-FEŻ (b'mod partikolari l-parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs f'konsorzji industrijali) qed tiġi ffaċilitata permezz ta' sejħiet immirati tal-FEŻ, bonusijiet finanzjarji, kriterji speċifiċi għall-għoti, u l-użu tal-SCOs biex jitnaqqas il-piż amministrattiv; jinnota li fis-sejħiet tal-EDF tal-2022, 38,2 % tal-entitajiet parteċipanti kienu SMEs, u 20 % tal-finanzjament totali disponibbli permezz ta' dawn is-sejħiet se jkun għall-SMEs (EUR 166 miljun);

115. Ifakkar li l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR) kienet programm prekursur tal-FEŻ b'baġit ta' EUR 90 miljun li ffinanzja 18-il proġett ta' riċerka magħżula wara sejħiet għal proposti fis-snin mill-2017 sal-2019; jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 10/2023 tagħha "L-azzjoni preparatorja dwar ir-riċerka dwar id-difiża", tosserva li l-Unjoni għadha nieqsa minn strateġija fit-tul għall-proġetti taħt il-FEŻ, b'mod partikolari f'termini ta' impatt, riċerka addizzjonali, żvilupp, manifattura, akkwist, u aspetti oħra; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti;

116. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 10/2023 tagħha dwar id-disponibbiltà limitata tar-riżorsi umani fil-Kummissjoni u r-riskju sussegwenti għall-FEŻ; jinnota li, bħala riżultat ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, l-għadd ta' persunal meħtieġ għall-ġestjoni ta' proġetti ta' difiża huwa akbar minn dak għal proġetti oħra; jinnota li l-għadd dejjem jikber ta' proposti għall-evalwazzjoni u l-proġetti għall-ġestjoni jagħmel pressjoni konsiderevoli fuq ir-riżorsi umani u joħloq sfidi f'termini ta' reklutaġġ ta' persunal kwalifikat u b'esperjenza xierqa;

Rakkomandazzjonijiet

117. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tiżgura l-provvista ta' baġit adegwat u riżorsi umani b'ħiliet biex ittejjeb il-kooperazzjoni u l-investiment fil-qasam tad-difiża u biex timplimenta l-FEŻ; u
(ii) timmonitorja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet finanzjarji pendenti tal-OLAF;

Viċinat u d-dinja

118. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 6 tal-QFP "Viċinat u d-dinja" kien ta' EUR 14,5-il biljun (7,4 % tal-baġit tal-Unjoni) imqassam kif ġej: 64,8 % għall-Istrument ta' Viċinat, Żvilupp u Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali), 16,8 % għall-Għajnuna Umanitarja (HUMA), 14,4 % għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u 4 % għal azzjonijiet u programmi oħra; jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2022, l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit adottati finali kienu ta' EUR 17 670,49 miljun u 99,79 % minnhom ġew implimentati (EUR 17 632,52 miljun); jinnota wkoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 13 156,10 miljun u 99,19 % minnhom ġew implimentati (EUR 13 049,50 miljun);

119. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 72 tranżazzjoni li mhuwiex rappreżentattiv biżżejjed tal-infiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP u, għalhekk, ma tistax tipprovdi stima tar-rata ta' żball; jinnota li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti juru li dan huwa qasam ta' riskju kbir (34 minn 72 tranżazzjoni awditjata, jiġifieri 47 %, kienu affettwati minn żbalji); jinnota li l-Qorti sabet 25 żball li kellhom impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni, relatati ma' spejjeż ineliġibbli, nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn, akkwist pubbliku u nefqa mhux imġarrba;

120. Ifakkar li d-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR) jirrapporta r-riskju fil-waqt tal-għeluq fir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) tiegħu abbażi ta' studju mwettaq minn kuntrattur estern, magħruf bħala r-rata tal-iżball residwu (RER), li l-għan tiegħu huwa li jistma r-rata ta' żbalji mhux identifikati mis-sistema ta' kontroll intern u li jikkonkludi jekk hijiex effettiva jew le; jinnota r-riżultati tal-istudju tal-RER tal-2022 li r-rata tal-iżball residwu fl-2022 hija ta' 1 % u għalhekk, taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;

121. Jinnota li l-Qorti identifikat limitazzjonijiet rigward il-metodoloġija użata biex tiddetermina l-RER li jistgħu jikkontribwixxu għas-sottovalutazzjoni tagħha, b'mod partikolari, li l-kuntrattur jista' jiddependi kompletament mir-riżultati tax-xogħol ta' kontroll preċedenti f'xi każijiet u l-fatt li l-istima tar-rata tal-iżball residwu għal għotjiet taħt ġestjoni diretta mhijiex inkluża fil-kalkolu tal-RER ġenerali tad-DĠ NEAR; jinnota li l-Kummissjoni tafferma li mhijiex soġġetta għal tali limitazzjonijiet minħabba li (i) id-dipendenza minn xogħol ta' kontroll preċedenti hija soġġetta għal kundizzjonijiet stretti u (ii) ir-rata ta' żball globali tinkludi għotjiet taħt ġestjoni diretta;

122. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ilha mill-2021 timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti biex tiżvela l-limitazzjonijiet tal-istudju tal-RER fir-RAA tad-DĠ NEAR, biex issaħħaħ il-kontrolli billi tidentifika u tipprevjeni żbalji rikorrenti, u biex id-DĠ NEAR

jistabbilixxi obbligi għall-kuntrattur tal-istudju tal-RER ħalli jirrapporta lill-Kummissjoni kwalunkwe frodi suspettata kontra l-baġit tal-Unjoni identifikata matul il-ħidma tiegħu dwar l-istudju tal-RER;

123. Jinnota bi tħassib li r-RAA tad-DĠ NEAR u tad-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA) irrapportaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni operattiva l-ġdida OPSYS, li xi drabi kienet instabbli, filwaqt li naqset milli tissodisfa l-aspettattivi, u kienet tirrikjedi intervent frekwenti mit-timijiet ta' appoġġ tad-DĠ DIGIT, li wassal biex ġiet identifikata bħala riskju kritiku fl-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju tad-DĠ NEAR;

124. Jinnota li l-Qorti vvalutat is-sensibilizzazzjoni fost il-persunal tad-delegazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-prevenzjoni tal-frodi, l-etika u l-integrità; jinnota bi tħassib li xi membri tal-persunal intervistati mill-Qorti ma kinux ġew mħarrġa fil-prevenzjoni tal-frodi f'dawn l-aħħar ħames snin; jinnota li d-DĠ NEAR jagħmel sensiela ta' għodod u riżorsi disponibbli għall-persunal tiegħu biex ikopri kwistjonijiet relatati mal-frodi, bħat-taħriġ, network kontra l-frodi b'punti fokali u gwida; jinnota r-riżultati pożittivi tal-istħarriġiet imwettqa mid-DĠ NEAR biex jiġi mmonitorjat il-livell ta' sensibilizzazzjoni dwar il-frodi tal-persunal tiegħu, kif ukoll li ġew identifikati xi oqsma għat-titjib u qed jiġi implimentat pjan ta' azzjoni;

125. Jilqa' l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' diversi mekkaniżmi biex jiġu mmitigati r-riskji u jiġi ssalvagwardjat l-użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni li jintefqu f'żoni instabbli jew f'żoni ta' kunflitt; jinnota li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku r-riskji ta' korruzzjoni fil-pajjiżi sħab u tuża firxa ta' għodod biex timmitigahom, fl-istess ħin tapplika kundizzjonijiet u indikaturi tal-prestazzjoni biex tippromwovi t-trasparenza fiskali u l-obbligu ta' rendikont permezz tal-appoġġ tagħha għall-baġit; jilqa' l-fatt li, skont id-data tal-Bank Dinji, il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-Unjoni għall-baġit għamlu titjib fil-kontroll tal-korruzzjoni maż-żmien;

126. Jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 14/2023 tagħha "Programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali" sabet li, għalkemm il-Kummissjoni u s-SEAE kienu amalgamaw il-finanzjament fi strument wieħed, l-Istrument tal-NDICI-Ewropa Globali, li jkopri aktar minn 70 % tal-finanzjament tal-Unjoni allokat għall-azzjoni esterna fil-perjodu ta' finanzjament tal-2021-2027, dawn segwew żewġ metodoloġiji differenti ta' allokazzjoni tal-fondi għall-pajjiżi tal-Viċinat u dawk mhux tal-Viċinat, u li l-programmi indikattivi pluriennali ma kinux jiżguraw li s-setturi magħżula ta' intervent kienu dawk li fihom il-finanzjament tal-Unjoni seta' jikseb impatt;

127. Jinnota li, wara l-attakki terroristiċi deplorevoli mill-Hamas kontra l-Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, fid-9 ta' Ottubru 2023 il-Kummissjoni ħabbret id-deċiżjoni tagħha li tirrieżamina l-assistenza tal-Unjoni għall-Palestina; jilqa' l-fatt li r-rieżami, iffinalizzat fil-21 ta' Novembru 2023, wera li l-Kummissjoni għandha stabbiliti kontrolli *ex ante* u *ex post*, u sistema ta' salvagwardji li taħdem tajjeb u li sal-lum ma nstabet l-ebda evidenza li l-flus ġew iddevjati għal skopijiet mhux intenzjonati; jenfasizza, barra minn hekk, li skont it-tweġiba tal-Kummissjoni, ir-regoli attwali fil-proċeduri tal-offerti u s-sejħiet għal proposti "jagħmlu l-parteċipazzjoni ta' entitajiet, individwi jew gruppi

affiljati ma’ organizzazzjonijiet terroristiċi inkompatibbli b’mod kategoriku ma’ kwalunkwe finanzjament mill-Unjoni”;

128. Jinnota li, fl-2022, id-DĠ NEAR ħallas EUR 910,8 miljun f’assistenza bilaterali lill-Ukrajna, li minnhom EUR 698 miljun tħallsu permezz tal-appoġġ baġitarju; jinnota li kważi EUR 200 miljun ta’ proġetti li għadhom għaddejjin ġew adattati mill-ġdid b’suċċess biex jilħqu lill-benefiċjarji qabel ma s-sħab umanitarji jkunu jistgħu jimmobilizzaw il-programmi ta’ għajnuna tagħhom; jinnota li r-restrizzjonijiet fuq proġetti ta’ monitoraġġ adegwat fl-Ukrajna jwasslu għal riżerva fir-RAA tal-2022 tad-DĠ NEAR u li qed jiġu implimentati azzjonijiet korrettivi, bħall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-proġett permezz ta’ analiżijiet mhux fuq il-post, soluzzjonijiet remoti u l-użu ta’ fornitur tas-servizzi;

129. Jilqa’ l-fatt li l-OLAF iffirma arranġamenti ta’ kooperazzjoni amministrattiva kemm mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna fil-11 ta’ Frar 2021 kif ukoll mas-Servizz tal-Awditjar tal-Istat tal-Ukrajna f’Marzu 2023; jinnota li l-Ukrajna dalwaqt hija mistennija li tkun assoċjata mal-Programm tal-UE Kontra l-Frodi (UAFP) u jilqa’ l-fatt li l-OLAF qed jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet Ukreni fl-isforzi u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom kontra l-frodi; jilqa’ l-fatt li l-UPPE ffirma arranġamenti ta’ ħidma mal-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna, f’Lulju 2023, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fl-investigazzjoni ta’ każijiet ta’ korruzzjoni, u mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna, f’Marzu 2022, biex jiġi protett l-interess finanzjarju tal-Unjoni u tal-Ukrajna permezz ta’ investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi;

Rakkomandazzjonijiet

130. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) fir-rigward tas-sistema ta’ applikazzjoni tal-OPSYS, ittejjeb il-kwalità tas-software il-ġdid, tistabbilizza l-applikazzjoni u ttejjeb l-interfaċċi bejn il-moduli differenti tal-OPSYS, u talloka r-riżorsi meħtieġa biex ittejjeb il-maturità/ir-robustezza tiegħu;
(ii) tkompli tiżgura li l-kuntratti kollha li jinvolvu l-finanzjament tal-Unjoni jirrispettaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, inklużi l-obbligu ta’ rendikont, it-trasparenza u l-protezzjoni tal-fondi tal-Unjoni; tagħmel il-parteċipazzjoni ta’ entitajiet, individwi jew gruppi affiljati ma’ organizzazzjonijiet terroristiċi inkompatibbli b’mod kategoriku ma’ kwalunkwe finanzjament tal-Unjoni; u tiżgura li l-mekkaniżmi ta’ monitoraġġ u kontroll stretti jiżguraw li l-individwi kollha involuti fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni jsegwu esklużivament l-objettivi u l-attivitajiet approvati għall-finanzjament mill-Unjoni;
(iii) tistabbilixxi miżuri ta’ kontroll adegwati f’żoni instabbli jew ta’ kunflitt biex jiżguraw il-kontroll xieraq tal-infiq tal-fondi tal-Unjoni;

Amministrazzjoni pubblika Ewropea

Riżorsi Umani

131. Jinnota li l-baġit għall-programmi fl-ambitu tal-intestatura 7 tal-QFP “Amministrazzjoni Pubblika Ewropea” kien ta’ EUR 11,6-il biljun (5,9 % tal-baġit tal-Unjoni), li jinkludi n-nefqa tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni fuq ir-riżorsi umani u l-pensjonijiet

(madwar 70 % tat-total), il-bini, it-tagħmir, l-enerġija, il-komunikazzjonijiet u t-teknoloġija tal-informazzjoni; jinnota li mill-ammont totali, 58,6 % jintefaq mill-Kummissjoni (EUR 6,7 biljun); jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-baġit finali adottati għall-Kummissjoni Ewropea kienu ta' EUR 6 298,13 miljun (99,84 % minnhom ġew implimentati, jiġifieri EUR 6 288,14 miljun), kif ukoll li l-approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit finali adottati ammontaw għal EUR 6 298,22 miljun (94,66 % minnhom ġew implimentati, jiġifieri EUR 5 961,72 miljun);

132. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 60 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu tal-Intestatura 7 tal-QFP li jinvolvu l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni; jinnota li l-Qorti eżaminat ukoll l-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-RAA tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha, inklużi dawk tad-Direttorati Ġenerali u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva, u li mbagħad ġiet inkluża fl-AMPR tal-Kummissjoni; jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tistma li l-livell ta' żball fl-Intestatura 7 tal-QFP ma kienx materjali u jinnota li ma hemm l-ebda rakkomandazzjoni ġdida indirizzata lill-Kummissjoni;

133. Jinnota li l-Kummissjoni adottat l-istrateġija l-ġdida tagħha dwar ir-Riżorsi Umani ("Strateġija HR") f'April 2022, li għandha l-għan li tindirizza l-ħtiġijiet emerġenti wara l-kriżi tal-COVID-19 u tagħmel enfasi fuq il-kisba ta' post tax-xogħol attraenti, għażla u reklutaġġ aktar mgħaġġla u aktar aġli, u karriera flessibbli u ta' sodisfazzjon għall-persunal kollu; jinnota li d-dokument huwa sett ta' intenzjonijiet għall-bidla u għat-titjib li għandhom jiġu implimentati gradwalment, u li parti mill-kontenut tiegħu għandha l-ewwel tiġi nnegozjata fid-djalogu soċjali mar-rappreżentanti tal-persunal;

134. Jinnota li l-Kummissjoni rreklutat dejjem aktar aġenti kuntrattwali jew temporanji f'pożizzjonijiet permanenti biex twettaq kompiti ġodda li jirriżultaw minn prijoritajiet li qed jevolvu malajr, b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet speċjali jew urġenti u anke biex tikkumpensa għal reklutaġġ ġeografikament żbilanċjat; ifakkar fit-tħassib tiegħu dwar it-telf ta' għarfien għall-istituzzjonijiet, kif ukoll l-impatt negattiv fuq il-perspettiva u s-sigurtà tal-impjiegi tal-membri tal-persunal ikkonċernati; jenfasizza li r-reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali jew temporanji mhuwiex soluzzjoni sostenibbli għall-applikazzjonijiet li qed jonqsu u li huma ġeografikament żbilanċjati ta' dawk li japplikaw għall-kompetizzjonijiet tal-Unjoni u, l-aktar importanti, għall-kwistjoni li ilha identifikata u kumplessa tat-tnaqqis tal-attraenza tal-Unjoni bħala impjegatur;

135. Jinnota b'sodisfazzjon li l-perċentwal tan-nisa fil-funzjonijiet ta' ġestjoni żdied b'mod konsiderevoli mill-bidu tal-mandat: f'Lulju 2023, is-sehem tan-nisa fil-funzjonijiet maniġerjali kien ta' 45,2 % fil-livell ta' maniġment superjuri (sa kważi 9 punti perċentwali mill-bidu tal-mandat) u 47,5 % fil-livell ta' maniġment medju (sa 6 punti perċentwali);

136. Jirrikonoxxi li, sabiex jiġi żgurat ir-reklutaġġ fuq l-aktar bażi ġeografika wiesgħa possibbli, huwa meħtieġ li jiġu indirizzati l-kawżi tas-sottorappreżentanza mill-punt tar-reklutaġġ inizjali; jilqa' l-fatt li, biex jissaħħaħ il-bilanċ ġeografiku fost kategoriji differenti ta' persunal tal-Kummissjoni, id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà (DĠ HR) iltaqa' mal-Istati Membri kollha biex jiddiskuti r-rappreżentanza tagħhom u ffinalizza l-pjanijiet ta' azzjoni konġunti kollha filwaqt li qies l-

ispeċifiċitajiet ta' kull Stat Membru biex jiġu indirizzati l-kawżi possibbli ta' sottorappreżentanza b'mod konġunt;

137. Ifakkar fl-awditu tal-Qorti tal-attivitajiet tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) u l-osservazzjonijiet rigward l-effikaċja u l-effiċjenza tiegħu[9]; jinnota li, fl-2022-2023, l-EPSO introduċa ttestjar b'inviġilazzjoni mill-bogħod u jiddeplora l-fatt li din is-sistema issa qed tiġi vvalutata mill-ġdid minħabba d-diversi diffikultajiet tekniċi li esperjenzaw ħafna kandidati; jesprimi dispjaċir għall-inkonvenjenza kkawżata lill-kandidati, l-ispejjeż baġitarji diretti tas-sospensjoni tal-kompetizzjonijiet esterni, u l-isforz addizzjonali li sar mis-servizzi ta' reklutaġġ tal-Kummissjoni biex issib sostituzzjoni adegwata;

Bini u amministrazzjoni

138. Jinnota li s-sistema finanzjarja korporattiva ċentrali l-ġdida tal-Kummissjoni, SUMMA, kienet ippjanata li tibda l-produzzjoni sa tmiem l-2023 u kienet imxiet 'il quddiem f'konformità mal-objettiv li tibda topera fil-bidu tal-2024; jinnota li l-iskadenza għall-implimentazzjoni tas-sistema kontabilistika l-ġdida ġiet estiża b'sena minħabba li l-implimentazzjoni tal-konnessjonijiet tal-programmi operattivi (ġestjoni kondiviża, għotjiet elettroniċi, akkwist elettroniku, pagamenti tal-persunal) mal-SUMMA fl-istess ħin uriet li hija eżerċizzju aktar kumpless milli mistenni; jisħaq bi tħassib li l-ispiża tal-programm SUMMA mill-bidu tiegħu fil-bidu tal-2018 sal-aħħar tal-2022 kienet ta' madwar EUR 95 miljun u li l-estensjoni tal-iskeda ta' żmien tiegħu se tirrikjedi riżorsi addizzjonali fl-2024, stmati għal madwar EUR 7 miljun;

139. Jinnota r-rapporti tal-media dwar in-negozjati bejn il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni dwar tranżazzjoni ta' proprjetà immobbli li tiswa kważi EUR 1 biljun u, bl-istess mod, il-pjanijiet tal-Kummissjoni li tikri spazji għall-uffiċċji fiż-żona tat-Tramuntana ta' Brussell, inkluż in-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-persunal ikkonċernat; jisħaq li kwalunkwe żvilupp fil-politiki dwar il-proprjetà immobbli tal-Kummissjoni ma għandux jiddegrada l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tagħha;

L-Iskejjel Ewropej

140. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti, fir-Rapport Annwali tagħha dwar il-kontijiet għall-Iskejjel Ewropej għas-sena finanzjarja 2022, ma sabet l-ebda żball materjali fil-kontijiet annwali konsolidati finali tal-Iskejjel Ewropej għall-2022; jilqa' aktar titjib enfasizzat mill-Qorti fil-kwalità tal-kontijiet individwali u konsolidati finali meta mqabbla mas-snin preċedenti;

141. Jinnota bi tħassib li kemm il-Qorti kif ukoll l-awditur estern sabu żbalji immaterjali, li prinċipalment kienu relatati mal-kalkolu tad-dispożizzjonijiet għall-benefiċċji ta' wara l-impjieg u li l-opinjonijiet tal-awditjar tal-awditur estern ma kinux konformi mal-kuntratt qafas konkluż mal-Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali (l-"Uffiċċju Ċentrali");

142. Jinnota li l-Qorti, filwaqt li faħħret it-titjib fil-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' akkwist fl-

[9] Ir-Rapport Speċjali 23/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "EPSO: Wasal iż-żmien biex il-proċess tal-għażla jiġi adattat għall-ħtiġijiet ta' reklutaġġ li qed jinbidlu".

Uffiċċju Ċentrali, sabet, għal tnejn mis-seba' skejjel li rrieżaminat (Frankfurt u l-Lussemburgu I), nuqqasijiet f'dawn il-proċeduri; jinnota bi tħassib li l-Qorti, għal darb'oħra, innotat dgħufijiet f'termini ta' proċeduri ta' pagament kemm għall-Uffiċċju Ċentrali kif ukoll għaż-żewġ skejjel li ġew rieżaminati;

143. Ifakkar li l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2023 dwar is-sistema tal-Iskejjel Ewropej: sitwazzjoni attwali, sfidi u perspettivi,[10] saħqet li s-sistema attwali tar-reklutaġġ tal-għalliema fis-Sistema tal-Iskejjel Ewropej (EES) għandha nuqqasijiet serji, li jirriżultaw f'nuqqas ta' qbil bejn il-ħtiġijiet fil-prattika u l-persunal reali sekondat mill-Istati Membri, kwistjonijiet bi pjanijiet annwali ta' reklutaġġ, diffikultajiet biex jinstabu għalliema u persunal kwalifikati, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji għal għalliema reklutati lokalment u persunal edukattiv ieħor u problemi bi żvilupp professjonali kontinwu;

Rakkomandazzjonijiet

144. Jistieden lill-Kummissjoni:

(i) tqis fuq bażi ugwali l-użu effiċjenti tal-ispazji tal-uffiċċju u s-saħħa u l-benesseri tal-persunal filwaqt li timplimenta l-istrateġija l-ġdida tar-riżorsi umani, b'mod partikolari fir-rigward tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll tinvolvi kif xieraq lir-rappreżentanti tal-persunal meta jinbidlu l-kundizzjonijiet tax-xogħol;
(ii) tibqa' viġilanti fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni adegwata ta' każijiet ta' burnout fil-kuntest akbar ta' persunal, ta' ammont ta' xogħol u ta' benesseri tal-persunal;
(iii) issaħħaħ il-miżuri maħsuba biex jappoġġjaw lin-nisa li jkunu qed isegwu karriera maniġerjali sabiex jiżdied l-għadd ta' applikazzjonijiet minn nisa bi kwalifiki għoljin għal funzjonijiet ta' maniġment medju u superjuri kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fl-aġenziji tal-Unjoni;
(iv) tkompli l-ħidma tagħha biex issaħħaħ bilanċ ġeografiku ġust tal-persunal tagħha fil-livelli kollha filwaqt li fl-istess ħin tissodisfa r-rekwiżiti fir-Regolamenti tal-Persunal dwar il-kompetenzi u l-merti tal-kandidati;
(v) tagħmel investimenti xierqa fil-bini tal-kapaċitajiet u r-riżorsi tal-IT għall-EPSO biex ikun aktar effiċjenti u effettiv u, b'mod partikolari, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-ittestjar ottimali fi proċessi tal-għażla futuri; u
(vi) tiżgura approċċ aħjar u aktar strett tal-ġestjoni tar-riskju f'dik li hija l-prontezza tal-varar tal-SUMMA u tevita riskji materjali ta' tfixkil temporanju sakemm is-sistema kontabilistika l-ġdida tkun kompletament operattiva;

145. Tappella, barra minn hekk, lill-Kummissjoni u lill-Iskejjel Ewropej biex:

(i) jimplimentaw mingħajr dewmien ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport tagħha dwar il-kontijiet tal-Iskejjel Ewropej għas-sena finanzjarja 2022, u jżommu lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress;
(ii) isolvu b'mod urġenti n-nuqqas kontinwu ta' għalliema u jiżguraw sitwazzjoni ta' impjieg stabbli u ġusta għal kulħadd billi jżommu l-persunal u jnaqqsu d-dawran, u b'hekk jevitaw ukoll eżodu ta' mħuħ; u

[10] Testi adottati, P9_TA(2023)0306

(iii) juru l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Unjoni lill-Iskejjel Ewropej bħala linja baġitarja separata, fil-baġits futuri tal-Unjoni, sabiex tiżdied it-trasparenza, jiġi żgurat ippjanar strateġiku u jiġi ffaċilitat l-iskrutinju parlamentari fl-ambitu tal-proċedura ta' kwittanza;

KAPITOLU II - Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)

Kummenti ġenerali

146. Ifakkar li t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020 biddlet f'daqqa l-perspettiva ekonomika u soċjali tal-Unjoni u wasslet għal sforz unifikat biex jitnieda l-pakkett ta' rkupru għall-Ewropa, li jikkonsisti fil-QFP tal-2021-2027 u n-Next Generation EU, li l-pedament tiegħu huwa l-RRF; ifakkar li l-objettiv tal-RRF huwa li jipprovdi lill-Istati Membri appoġġ finanzjarju biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar sostenibbli, reżiljenti, inklużivi u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; ifakkar li l-RRF huwa strument innovattiv u temporanju bbażat fuq il-prestazzjoni, li jfisser li l-pagamenti huma marbuta mat-twettiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri (M&Ts) li jirriflettu l-progress fir-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), li huma stabbiliti f'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill;

147. Jinnota li s-27 RRP kollha ġew adottati sal-aħħar tal-2022, u allokaw EUR 335,1 biljun f'għotjiet u EUR 165,3 biljun f'self, li se jitħallsu mat-twettiq ta' 2 557 miżura (li jikkonsistu f'madwar terz għar-riformi u żewġ terzi għall-investimenti), u s-6 237 stadju importanti u l-miri relatati tagħhom sal-2026; jinnota li, fl-2022, il-Kummissjoni żborżat total, inkluż il-prefinanzjament, ta' EUR 74,4 biljun (EUR 47,2 biljun f'għotjiet u EUR 27,2 biljun f'self);

148. Jinnota li l-Pjan REPowerEU tnieda f'Mejju 2022 biex jgħin lill-Unjoni tnaqqas id-dipendenza tagħha mill-fjuwils fossili Russi billi tiffranka l-enerġija, tipproduċi enerġija nadifa u tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tagħha, li huwa allinjat mat-tranżizzjoni ekoloġika; jinnota li l-emendi introdotti fir-Regolament (UE) 2021/241 ("ir-Regolament RRF")[11] bir-Regolament (UE) 2023/435 dwar ir-REPower EU[12] żiedu finanzjament u prijoritajiet addizzjonali mal-RRF; jinnota li s-27 Stat Membru kollha ppreżentaw RRPs modifikati biex jinkludu l-kapitoli REPowerEU, iżda anke biex jitolbu appoġġ addizzjonali għas-self, jagħmlu aġġustamenti wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima jew jagħmlu emendi minħabba ċirkostanzi oġġettivi, kif permess mir-Regolament RRF; jinnota li r-reviżjoni tal-RRPs hija soġġetta għall-istess kriterji ta' valutazzjoni bħall-pjanijiet oriġinali, flimkien ma' rekwiżiti speċifiċi applikabbli għall-kapitoli REPowerEU;

149. Ifakkar li, fl-ambitu tan-Next Generation EU, il-Kummissjoni tista' tiġġenera sa EUR 806,9 biljun bejn nofs l-2021 u l-2026 permezz tal-ħruġ ta' bonds tal-UE; jinnota li f'Ġunju 2022, il-Kummissjoni ħabbret pjan ta' finanzjament għall-perjodu bejn Ġunju u l-aħħar ta' Diċembru 2022 u ġġenerat EUR 50 biljun addizzjonali f'finanzjament fit-tul għan-Next Generation EU, ikkomplementat minn ħruġ ta' kontijiet tal-UE għal perjodu qasir, li jġib l-ammont pendenti totali ta' bonds tan-Next Generation EU għal EUR 171 biljun, li minnhom EUR 36,5 ġew iġġenerati bil-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi;

150. Jinnota li, fl-2020, ammont ta' EUR 14,9-il biljun kien ippjanat fil-QFP 2021-2027 biex

---

[11] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75
[12] ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1–27

ikopri l-pagamenti tal-imgħax għall-appoġġ mhux ripagabbli tan-Next Generation EU; huwa mħasseb dwar l-impatt tar-rati tal-imgħax ogħla fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-Unjoni, bir-rati tal-imgħax fuq bonds tal-UE ta' 10 snin jiżdiedu minn 0,09 % fl-2021 għal 3,2 % fl-2023; jinnota d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-Unjoni se tissodisfa l-obbligi tagħha fil-konfront tad-detenturi tal-bonds fiċ-ċirkostanzi kollha u l-proposta tagħha għal modifika teknika fil-QFP biex jiġi ottimizzat it-trattament baġitarju tal-ispejjeż tas-self tan-Next Generation EU;

Osservazzjonijiet tal-Qorti

151. Jilqa' l-fatt li n-nefqa tal-RRF fl-2022 hija legali u regolari fl-aspetti materjali kollha, ħlief għall-effetti tas-sejbiet kwantitattivi fi 11-il pagament u l-iżball materjali f'sitt pagamenti stmati mill-Qorti, li huma l-bażi għall-opinjoni kwalifikata tagħha dwar in-nefqa tal-RRF; jinnota li n-natura tal-mudell ta' nfiq tal-RRF tibbaża fuq id-deċiżjonijiet li għandha tieħu l-Kummissjoni u għalhekk, il-Qorti ma tipprovdix rata ta' żball iżda tistma l-impatt finanzjarju minimu tas-sejbiet tagħha li huwa anqas, iżda qrib, il-limitu ta' materjalità;

152. Jinnota li l-Qorti awditjat 244 mill-274 stadju importanti u s-37 mira kollha inklużi fit-talbiet għall-pagamenti tal-2022 għall-għotjiet; jinnota li l-Qorti tqis li 15 minnhom kienu affettwati minn kwistjonijiet ta' regolarità (anqas minn 5 % tat-total); jinnota li l-Qorti tqis li r-rekwiżiti ma kinux ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti għal tmien M&Ts fi tmien pagamenti; jinnota li l-konklużjonijiet tal-Qorti huma bbażati fuq l-interpretazzjoni tagħha tar-rekwiżiti legali stabbiliti mill-Kunsill jew fuq sentenzi kwalitattivi differenti mill-Kummissjoni; jinnota li l-pagamenti kollha tal-RRF huma vvalutati skont il-qafas ikkomunikat u applikat mill-Kummissjoni, li tqis ukoll għal kull pagament l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u l-iskrutinju mill-esperti tal-Istati Membri skont il-proċedura ta' komitoloġija;

153. Jinnota li l-Qorti tqis li fl-2022 seħħ każ ta' finanzjament doppju, minkejja li l-miżura inkwistjoni ma għandha l-ebda spiża marbuta magħha fl-ambitu tal-RRF; jinnota l-osservazzjoni tal-Kummissjoni li, skont ir-Regolament RRF, "finanzjament doppju" huwa espliċitament marbut mal-ispejjeż u għalhekk, ma jista' jkun hemm l-ebda "finanzjament doppju" jekk l-Istat Membru ma jkun ippreżenta l-ebda stima tal-ispejjeż bħala parti mill-pjan nazzjonali tiegħu; jinnota li l-Kummissjoni tissottolinja li r-riformi huma kriterji essenzjali għall-valutazzjoni pożittiva tal-RRPs mill-Kummissjoni, iżda li l-inklużjoni ta' riformi mingħajr spejjeż ma żżidx il-pakkett finanzjarju tagħhom, għalkemm b'dan il-mod il-pjanijiet jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tagħhom;

154. Jinnota li l-Qorti identifikat ukoll diversi każijiet ta' disinn dgħajjef fl-M&Ts u problemi bl-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Istati Membri inkludew fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom, għalkemm l-effetti ta' dawk is-sejbiet jitqiesu materjali iżda mhux mifruxa mill-Qorti; jinnota li l-Kummissjoni taqbel li tirrieżamina l-M&Ts dment li jkun hemm ġustifikazzjoni legali biex jinbidlu l-elementi ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, jiġifieri li Stat Membru jissottometti pjan emendat u bażi legali tiġġustifika l-bidliet;

155. Jinnota li, sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni rrapportat sitt każijiet ta' irregolaritajiet

potenzjali lill-OLAF, identifikati matul awditi *ex post* jew minn sorsi miftuħa fir-rigward ta' azzjonijiet appoġġjati mill-RRF; jinnota li, fl-2022, l-OLAF xerred qafas ta' riskju għall-RRF u pprovda aktar minn 50 sessjoni ta' taħriġ fl-għarfien dwar il-frodi lid-dipartimenti tal-Kummissjoni, lill-aġenziji u lil sħab esterni oħra, inklużi l-awtoritajiet tal-Istati Membri;

156. Jilqa' l-ħidma sistematika tal-awditjar tal-Qorti rigward l-RRF, b'enfasi fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li qed tipprovdi analiżi bir-reqqa tal-aspetti rilevanti tal-Faċilità u għarfien siewi dwar l-implimentazzjoni tagħha; jinnota b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni taċċetta u tapplika b'mod wiesa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u jirrikonoxxi li ħafna mill-kwistjonijiet identifikati mill-Qorti huma relatati mal-bażi legali tal-RRF u marbuta man-natura u l-funzjonament innovattivi tiegħu; iqis li r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li jirriżultaw mill-ħidma ta' awditjar tagħha fuq l-RRF huma partikolarment rilevanti għall-koleġiżlaturi għal strumenti ta' finanzjament futuri bbażati fuq il-prestazzjoni tal-Unjoni;

Awditjar u kontroll

157 Jinnota li l-qafas ta' kontroll huwa mfassal apposta għan-natura unika tal-RRF u mibni fuq żewġ tipi ta' kontrolli, jiġifieri (i) kontrolli mill-Kummissjoni biex tipprovdi aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tal-impenji u tal-pagamenti, abbażi tal-kisba sodisfaċenti tal-M&Ts kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li japprovaw l-RRPs, u (ii) il-kontrolli mill-Istati Membri biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament RRF;

158 Jilqa' l-fatt li, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u l-esperjenza miksuba, il-Kummissjoni ppreżentat il-metodoloġiji tagħha dwar (i) il-valutazzjoni tal-issodisfar sodisfaċenti tal-M&Ts, (ii) il-kalkolu tal-ammonti sospiżi f'każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' stadju importanti jew mira, u (iii) it-trattament ta' sitwazzjonijiet potenzjali fejn l-M&Ts ivvalutati bħala ssodisfati b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni sussegwentement ġew imreġġa' lura mill-Istat Membru; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni li twettaq reviżjoni tal-proċeduri tal-awditjar *ex post* tagħha biex tivverifika t-treġġigħ lura potenzjali tal-miri wara l-pagament, għalkemm huwa mħasseb li l-metodoloġija ma tipprovdix ċarezza legali f'każ li stadju importanti jew mira titreġġa' lura wara l-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF;

159. Jinnota li l-Kummissjoni vverifikat l-adegwatezza tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri bħala prekundizzjoni għall-valutazzjoni pożittiva tal-RRPs u, f'xi każijiet, fl-RRPs żdiedu M&Ts speċifiċi dwar l-awditjar u l-kontroll biex tiġi żgurata l-adegwatezza sħiħa tas-sistemi ħalli jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jinnota li t-twettiq sodisfaċenti tal-M&Ts tal-awditjar u l-kontroll kien, min-naħa tiegħu, prekundizzjoni għall-ewwel pagamenti u jilqa' l-fatt li l-Qorti ma qajmet l-ebda kwistjoni relatata mat-twettiq sodisfaċenti tagħhom ivvalutat matul l-2022; jinnota li wara dan, fl-2022 il-Kummissjoni wettqet 16-il awditu tas-sistema u 11 fl-2023, u għalhekk is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri kollha se jkunu ġew awditjati mill-anqas darba sal-aħħar tal-2023;

Implimentazzjoni u impatt

160. Jinnota li fl-2022, il-Kummissjoni għamlet 13-il pagament lil 11-il Stat Membru li jammontaw għal total ta' EUR 72,2 biljun, wara l-issodisfar sodisfaċenti ta' 366 M&T (328 stadju importanti u 38 mira); jinnota li mid-data tal-pubblikazzjoni tat-tieni rapport ta' implimentazzjoni f'Settembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet 32 talba għal pagament minn 20 Stat Membru u ħallset ammont totali ta' EUR 153,4 biljun (EUR 106,3 biljun f'għotjiet u EUR 47,1 biljun f'self);

161. Jinnota li l-Kummissjoni tirrapporta li l-ilħuq tal-M&Ts huwa ġeneralment fit-triq it-tajba, wara li l-ewwel sena tal-funzjonament tal-RRF għamlet enfasi akbar fuq ir-riformi meħtieġa biex jinbena l-qafas għal proġetti ta' investiment sussegwenti ħalli jkollhom impatt akbar; jinnota li l-Kummissjoni tirrapporta dewmien meta mqabbel mal-kalendarju indikattiv tal-pagamenti, minħabba l-proċess ta' reviżjoni tal-RRPs fil-kuntest tal-Pjan REPowerEU u l-isfidi ta' implimentazzjoni li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri, bħal kwistjonijiet ta' kapaċità amministrattiva, ostakli fl-investiment, u l-konsegwenzi tal-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, inklużi l-kriżi tal-enerġija, xokkijiet mhux mistennija fil-prezzijiet, nuqqas ta' ċerti materjali u inflazzjoni għolja; jinnota li l-Kummissjoni qed tappoġġja lill-Istati Membri kollha biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-pjanijiet tagħhom, inkluż permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku; huwa mħasseb li skont ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-RRF tal-Kummissjoni għall-2023, tmien Stati Membri għadhom ma ppreżentaw l-ebda talba għal ħlas lill-Kummissjoni;

162. Jilqa' l-kontribut kruċjali tal-RRF biex jiġi pprevenut it-tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku u kriżi soċjali wara l-pandemija tal-COVID-19, u l-fatt li dan ippermetta mewġa bla preċedent ta' riformi u investimenti madwar l-Unjoni li se jkollhom effett importanti fit-tul fuq il-prodott domestiku Gross (PDG); jirrimarka li l-valur miżjud Ewropew tal-RRF ilu jiġi ppruvat mill-fatt li n-natura innovattiva u flessibbli tiegħu tippermetti lill-Istati Membri jilħqu objettivi ta' politika komuni tal-Unjoni; jinnota li, fl-istess ħin, l-RRF jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-pajjiż permezz tat-tfassil tal-RRPs filwaqt li qafas ta' valutazzjoni uniku jiġi applikat b'mod ugwali għall-Istati Membri u t-talbiet għall-pagamenti kollha;

163. Jilqa' l-fatt li r-riformi u l-investimenti proposti mill-Istati Membri b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali qabżu l-objettivi stabbiliti fir-Regolament RRF, peress li n-nefqa fuq il-klima stmata tammonta għal madwar 40 % u n-nefqa diġitali għal 26 %, filwaqt li l-objettivi ġew stabbiliti f'perċentwali aktar baxxi ta' 37 % u 20 % rispettivament;

164. Jinnota l-progress irrapportat fis-sitt pilastri tal-RRF u, b'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs), u mill-anqas sar xi progress għal 68 % u progress sostanzjali fi 12 % tas-CSRs 2019-2020, li juri l-inċentivi pprovduti mill-RRF; jinnota li l-progress fl-implimentazzjoni tas-CSRs għall-2022 kien sostanzjali wkoll, b'mill-anqas xi progress fi kważi 52 % tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri f'Lulju 2022;

165. Jinnota mir-Rapport Speċjali 26/2023 li, minkejja l-ftit żmien disponibbli għat-tfassil tal-mudell ta' prestazzjoni tal-RRF, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rnexxielhom

jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ, inkluża sistema tal-IT, li tippermetti li jitkejjel il-progress fl-implimentazzjoni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li taħdem fuq il-kwistjonijiet identifikati u timplimenta r-rakkomandazzjonijiet relatati;

166. Jilqa' l-progress konsiderevoli muri mill-indikaturi komuni u fil-pilastri ta' politika kollha sa Diċembru 2022, bħal 22 miljun Megawatt ("MWh") ta' ffrankar fil-konsum annwali tal-enerġija miksub, 1,43 miljun intrapriża għenu jew permezz ta' appoġġ monetarju jew *in natura*, 4 miljun persuna mħarrġa, u l-appoġġ ipprovdut lil 4 115 196 żagħżugħ u żagħżugħa ta' bejn il-15 u d-29 sena;

Trasparenza

167. Jinnota li l-Ombudsman jirrikonoxxi li sar progress fi trasparenza proattiva, speċifikament permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF u l-pubblikazzjoni tal-akbar 100 riċevitur; jinnota madankollu l-punti għal titjib indikati mill-Ombudsman u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tiegħu biex jiġu żgurati trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar fir-rigward tal-RRF;

168. Jinnota li, wara talba espliċita tal-Parlament, ir-Regolament RRF emendat jirrikjedi li l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar il-100 riċevitur finali li jirċievu l-akbar ammont ta' finanzjament fl-ambitu tal-RRF; jinnota li l-Istati Membri kollha minbarra wieħed ippubblikaw il-lista meħtieġa fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF u josserva varjetà kbira tad-daqs tal-pagamenti kemm fl-Istati Membri kif ukoll f'kull pajjiż, li hija spjegata min-natura eteroġena tal-RRPs;

169. Jilqa' l-inizjattivi l-oħra meħuda mill-Kummissjoni biex iżżid it-trasparenza dwar l-implimentazzjoni tal-RRF; jinnota li d-dokumenti ewlenin li jirregolaw l-implimentazzjoni, bħall-RRPs, l-Arranġamenti Operattivi, il-metodoloġiji għall-valutazzjoni, u d-dokumenti li jappoġġjaw jew li fihom deċiżjonijiet ewlenin li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-Istati Membri huma disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli faċilment;

Rakkomandazzjonijiet

170. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati, u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta l-maġġoranza tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;

171. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:

(i) tidentifika għażliet differenti biex jiġi indirizzat it-treġġigħ lura tal-istadji importanti wara t-tmiem tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-RRF u l-bażi legali rilevanti;
(ii) tkompli ttejjeb iċ-ċarezza tal-miżuri u l-istadji importanti u l-miri relatati meta l-Istat Membru jissottometti reviżjoni tal-pjan nazzjonali;
(iii) tindirizza d-dewmien irrapportat fi stadju bikri billi tipprovdi, fost l-oħrajn, assistenza teknika lill-Istati Membri;
(iv) tkompli taħdem mal-Qorti sabiex iġġib l-interpretazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri kemm jista' jkun qrib xulxin; u

(v) tuża r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti mill-ħidma tagħha dwar l-RRF u l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strumenti futuri bbażati fuq il-prestazzjoni tal-Unjoni meta jkun rilevanti;